

**Brussell, 19 ta' Novembru 2020
(OR. en)**

13167/20

**COHAFA 63
RELEX 905
COVID-19 36
MAMA 172
MOG 74
COLAC 68
ONU 74**

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	16 ta' Novembru 2020
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2020) 7983 final
Suġġett:	Avviż tal-Kummissjoni ta' 16.11.2020 NOTA TA' GWIDA TAL-KUMMISSJONI DWAR IL-PROVVISTA TA' GĦAJNUNA UMANITARJA GĦALL-ĠLIEDA KONTRA L-PANDEMIJA TAL-COVID-19 F'ĊERTI AMBJENTI SOĠĠETTI GĦAL MIŻURI RESTRIVITTI TAL-UE

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument C(2020) 7983 final.

Mehmuż: C(2020) 7983 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.11.2020
C(2020) 7983 final

Avviż tal-Kummissjoni

ta' 16.11.2020

**NOTA TA' GWIDA TAL-KUMMISSJONI DWAR IL-PROVVISTA TA' GĦAJNUNA
UMANITARJA GĦALL-ĠLIEDA KONTRA L-PANDEMIJA TAL-COVID-19
F'ĊERTI AMBJENTI SOĠĠETTI GĦAL MIŻURI RESTRIVITI TAL-UE**

INTRODUZZJONI

Miżuri restrittivi (sanzjonijiet) tal-UE jistgħu jikkonsistu fl-iffriżar ta' fondi jew riżorsi ekonomiċi ta' ċerti persuni, entitajiet u korpi, kif ukoll f'xi każijiet f'restrizzjonijiet fuq il-kummerċ ta' ċerti oġġetti u servizzi. L-għan ta' dawn ir-restrizzjonijiet huwa li jinkisbu l-oġġettivi tal-Politika Etera u ta' Sigurtà Komuni tal-Unjoni, li jinkludu b'mod partikolari ż-żamma tal-paċi, it-tiġħ tas-sigurtà internazzjonali u l-konsolidazzjoni u l-appoġġ tad-demokrazija, l-universalità u l-indiviżibbiltà tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-prinċipji tal-ugwaljanza u s-solidarjetà, u r-rispett għall-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u tad-dritt internazzjonali (l-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea).

Is-sanzjonijiet tal-UE huma mmirati. Huma jiffokaw fuq dawk li l-azzjonijiet tagħhom jipperikolaw il-valuri msemmija hawn fuq, filwaqt li jevitaw konsegwenzi negattivi fuq il-popolazzjoni ċivili. B'mod partikolari, is-sanzjonijiet tal-UE mhumiex maħsuba biex jostakolaw u lanqas jimpedixxu l-provvista ta' għajjnuna umanitarja, inkluża l-għajjnuna medika. Il-miżuri tal-UE jikkonformaw mal-obbligi kollha skont id-dritt internazzjonali, b'mod partikolari d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, id-dritt internazzjonali dwar ir-refuġjati u d-dritt umanitarju internazzjonali¹.

Is-sanzjonijiet jistgħu jbiddu l-kapaċità ta' pajjiż li jiġġieled il-COVID-19 billi jaffettwaw l-akkwist ta' ċerti oġġetti u teknoloġiji, jew minħabba li dawn l-oġġetti jkunu soġġetti għal restrizzjonijiet (pereżempju, oġġetti b'użu doppju li jistgħu jintużaw ukoll għal skopijiet militari), jew minħabba li l-persuni involuti fl-akkwist tagħhom jiġu sanzjonati. Barra minn hekk, jista' jkun hemm effett indirett, iżda sinifikanti, ikkawżat minn ċerti operaturi, li ma jkunux lesti li jidħlu fi tranżazzjonijiet relatati ma' pajjiż jew individwu sanzjonat, anki jekk dawn ikunu leġittimi (konformità żejda), minħabba biża' minn ksur aċċidentali ta' sanzjonijiet jew nuqqas ta' inċentivi ekonomiċi biex jiġu involuti f'paragun mar-riskji li jhorġu minn dawk it-tranżazzjonijiet. Barra minn hekk, dawk li huma fil-mira ta' miżuri restrittivi jistgħu jgħaddu lill-popolazzjoni ċivili l-konsegwenzi ekonomiċi tas-sanzjonijiet internazzjonali imposti fuqhom, u b'hekk iżidu t-tbatija għall-popolazzjoni ċivili mhux fil-mira.

Is-sanzjonijiet tal-UE fis-seħħ u l-listi sħaħ ta' persuni u entitajiet deżinjati taħt is-sanzjonijiet tal-UE huma riflessi fil-Mappa tas-Sanzjonijiet tal-UE². Il-lista ta' persuni u entitajiet tinsab ukoll fil-Bażi ta' *Data* tas-Sanzjonijiet Finanzjarji³. Iż-żewġ għodod huma liberament aċċessibbli għall-Operaturi Umanitarji.

¹ Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Għajjnuna Umanitarja u d-Dritt Umanitarju Internazzjonali - Brussell, 25 ta' Novembru 2019 (<https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-14487-2019-INIT/en/pdf>).

² <https://www.sanctionsmap.eu/>. Is-sors uffiċjali tal-dritt tal-UE huwa l-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, li jipprevali fuq il-Mappa tas-Sanzjonijiet f'każ ta' kunflitt.

³ <https://webgate.ec.europa.eu/fsd/fsf>.

PRINĊIPJI ĠENERALI

- ✓ Is-sanzjonijiet tal-UE mhumiex maħsuba biex jostakolaw u lanqas jimpedixxu l-provvista ta' għajnuna umanitarja. Kwalunkwe azzjoni li ma tkunx espliċitament ipprojbita mis-sanzjonijiet tal-UE titqies permessa, sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor minn awtorità kompetenti nazzjonali (national competent authority, NCA). Konformità żejda ma għandhiex twassal biex tiġi mminata l-provvista ta' għajnuna umanitarja.
- ✓ Is-sanzjonijiet tal-UE jista' jkun fihom eċċezzjonijiet li jippermettu li jitwettqu azzjonijiet b'mod ieħor limitati sabiex tiġi pprovduta għajnuna umanitarja. Fil-kuntest tal-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19, l-attivitajiet ristretti jistgħu jiġu permessi b'mod eċċezzjonali anki fin-nuqqas ta' eċċezzjonijiet espliċiti, jekk ma jkun hemm l-ebda mezz ieħor biex tiġi żgurata l-provvista ta' għajnuna umanitarja.
- ✓ Huwa f'idejn l-Operaturi Umanitarji li jagħtu prova lill-NCA rilevanti li l-kundizzjonijiet tal-eċċezzjonijiet eżistenti huma ssodisfati, jew, fin-nuqqas ta' dawn l-eċċezzjonijiet, li l-unika għażla disponibbli biex tingħata għajnuna umanitarja lill-persuni fil-bżonn hija li jirrikorru għal attivitajiet ristretti. L-NCAs għandhom jipprovdu gwida meħtieġa dwar kif jistgħu jiksbu derogi umanitarji. Meta tintalab deroga, din għandha tiġi ttrattata mingħajr dewmien.
- ✓ Il-Kummissjoni tappella lill-Istati Membri biex joħolqu punt ta' kuntatt għal derogi umanitarji u jikkooperaw mill-qrib fil-kuntest tal-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19.

L-għan ta' din in-Nota huwa li tagħti gwida Prattika, fil-forma ta' mistoqsijiet u tweġibiet, dwar il-konformità mas-sanzjonijiet tal-UE meta tingħata għajnuna umanitarja, b'mod partikolari għajnuna medika, għall-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19⁴. Din il-Gwida hija indirizzata lill-atturi kollha li huma soġġetti għall-ġuriżdizzjoni tal-UE involuta f'attivitajiet bħal dawn. L-ewwel nett hija tfittex li tappoġġa lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tal-UE (minn hawn 'il quddiem l-Awtoritajiet Nazzjonali tal-Kompetizzjoni, "NCAs"). Dawn huma korpi nazzjonali nominati mill-Istati Membri biex jimmaniġġjaw is-sanzjonijiet tal-UE f'livell domestiku. Huma jintalbu jivvalutaw it-talbiet għal derogi, iwieġbu l-mistoqsijiet jew jinvolvu ruħhom b'mod ieħor mal-operaturi fi ħdan il-ġuriżdizzjoni tagħhom fil-kuntest tal-attivitajiet umanitarji. It-tieni, hija għandha l-għan li tipprovdi ċarezza lill-operaturi pubbliċi u privati li jridu jikkonformaw mas-sanzjonijiet tal-UE u li huma involuti fil-provvista ta' għajnuna umanitarja lill-popolazzjoni għall-ġlieda kontra l-pandemija tal-

⁴ Din in-Nota tissupplimenta, u għandha tinqara flimkien ma' dokumenti ta' gwida oħra applikabbli dwar l-implimentazzjoni ta' miżuri restrittivi tal-UE ppubblikati mill-Kummissjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem il-"Kummissjoni") u l-Awtoritajiet Nazzjonali Kompetenti (minn hawn 'il quddiem "NCA") fl-Istati Membri, kif ukoll l-Aħjar Prattiki għall-implimentazzjoni effettiva ta' miżuri restrittivi ppubblikati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (<http://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-8519-2018-INIT/mt/pdf>).

COVID-19 (minn hawn 'il quddiem, "Operaturi Umanitarji"). L-Operaturi Umanitarji jinkludu donaturi, organizzazzjonijiet internazzjonali, banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħra, meta jkunu involuti fi tranżazzjonijiet li jappoġġaw l-ġajnuna umanitarja, kif ukoll organizzazzjonijiet mhux governattivi (non-governmental organisations (NGO)) u s-settur mingħajr skop ta' qligħ.

Għal aktar gwida, l-Operaturi Umanitarji għandhom ifittxu l-parir tal-NCA tagħhom. Il-Kummissjoni tibqa' għad-dispożizzjoni tal-NCAs għal aktar mistoqsijiet u appoġġ⁵, u tappella lill-Istati Membri biex joħlqu "punt ta' kuntatt" għal derogi umanitarji fil-kuntest tal-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19. Il-Kummissjoni hija lesta li tappoġġa lill-Istati Membri f'dan ir-rigward biex tiżgura l-implimentazzjoni uniformi tal-leġislazzjoni tal-UE.

Il-mistoqsijiet ta' hawn taħt ġew ikkompilati permezz ta' interazzjoni mal-NCAs, l-Operaturi Umanitarji u partijiet ikkonċernati internazzjonali oħra sa mill-bidu tal-kriżi tal-COVID-19.

Din in-Nota tissostitwixxi l-Avviż tal-Kummissjoni C(2020) 3179 final, adottat fil-11 ta' Mejju 2020 li jiffoka biss fuq is-Sirja. Il-parti relatata mas-Sirja tibqa' l-istess.

Il-Kummissjoni se tibqa' taġġorna din in-Nota biex tinkludi aktar gwida dwar ir-reġimi ta' sanzjonijiet imsemmija hawn aktar 'il quddiem, kif ukoll dwar reġimi ta' sanzjonijiet oħra.

⁵ RELEX-SANCTIONS@ec.europa.eu.

Werrej

L-IRAN.....	5
I. PROJBIZZJONI TA' DISPONIBBILTÀ TA' FONDI U RIŻORSI EKONOMIĊI LIL PERSUNI DEŻINJATI	7
II. RESTRIZZJONIJIET FUQ L-IMPORTAZZJONIJIET U L- ESPORTAZZJONIJIET	9
III. MISTOQSIJIET OĦRAJN.....	12
IV. LEĠIŻLAZZJONI OĦRA	13
IN-NIKARAGWA	16
I. PROJBIZZJONI TA' DISPONIBBILTÀ TA' FONDI U RIŻORSI EKONOMIĊI LIL PERSUNI DEŻINJATI	17
II. RESTRIZZJONIJIET FUQ L-IMPORTAZZJONIJIET U L- ESPORTAZZJONIJIET	19
III. MISTOQSIJIET OĦRAJN.....	20
IV. KWISTJONIJIET PROĊEDURALI.....	21
IS-SIRJA.....	24
I. PROJBIZZJONI TA' DISPONIBBILTÀ TA' FONDI U RIŻORSI EKONOMIĊI LIL PERSUNI DEŻINJATI	25
II. RESTRIZZJONIJIET FUQ L-IMPORTAZZJONIJIET U L- ESPORTAZZJONIJIET	27
III. RESTRIZZJONIET OĦRAJN	30
IV. KWISTJONIJIET PROĊEDURALI.....	32
IL-VENEZWELA	36
I. PROJBIZZJONI TA' DISPONIBBILTÀ TA' FONDI U RIŻORSI EKONOMIĊI LIL PERSUNI DEŻINJATI	37
II. RESTRIZZJONIJIET FUQ L-IMPORTAZZJONIJIET U L- ESPORTAZZJONIJIET	39
III. MISTOQSIJIET OĦRAJN.....	40
IV. LEĠIŻLAZZJONI OĦRA	41

L-IRAN

REFERENZI LEGALI U GWIDA

“Ir-Regolamenti dwar l-Iran”:

- Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012 tat-23 ta' Marzu 2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 961/2010⁶ (Ir-Regolament dwar l-Armi ta' Qerda Massiva (AQM) tal-Iran)
- Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 359/2011 tat-12 ta' April 2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fil-kuntest tas-sitwazzjoni fl-Iran⁷ (Ir-Regolament dwar il-Ksur Serju tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-Iran)

Leġiżlazzjoni u dokumenti oħra tal-UE rilevanti:

- Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2271/96 tat-22 ta' Novembru 1996 li jipproteġi kontra l-effetti tal-applikazzjoni extraterritorjali tal-leġiżlazzjoni adottata minn pajjiż terz, u l-azzjonijiet ibbażati fuqha jew li jirriżultaw minnha⁸ (L-Istatut ta' Mblukkar)
- In-nota ta' Gwida tal-Kummissjoni Ewropea: “Mistoqsijiet u tweġibiet: adozzjoni tal-aġġornament tal-Istatut ta' Mblukkar”⁹
- Id-dokument ta' mistoqsijiet u tweġibiet tal-Kummissjoni Ewropea dwar “Diliġenza dovuta dwar miżuri restrittivi għal negozji tal-UE li jittrattaw mal-Iran”¹⁰

Fl-20 ta' Lulju 2015, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti adotta r-Risoluzzjoni 2231 (2015) fir-rigward il-Pjan ta' Azzjoni Komprensiv Konġunt (PAKK), miftiehem mill-Iran u E3/UE +3 (iċ-Ċina, Franza, il-Ġermanja, il-Federazzjoni Russa, ir-Renju Unit u l-Istati Uniti, mar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni Ewropea għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà). F'Jum l-Implimentazzjoni tal-PAKK (is-16 ta' Jannar 2016), l-UE nehiet is-sanzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji kollha tagħha imposti b'rabta mal-programm nukleari Iranjan.

Bħala konsegwenza, għadd ta' attivitajiet u servizzi assoċjati huma permessi, li jistgħu jkunu wkoll rilevanti għall-provvista ta' għajjnuna umanitarja, jiġifieri: **attivitajiet finanzjarji, bankarji u tal-assigurazzjoni, kif ukoll attivitajiet fis-setturi tat-trasport**

⁶ ĠU L 88, 24.3.2012, p. 1-112.

⁷ ĠU L 100, 14.4.2011, p. 1-11.

⁸ ĠU L 309, 29.11.1996, p. 1-6.

⁹ ĠU C 277L, 7.8.2018, p. 4-10.

¹⁰ https://ec.europa.eu/info/files/faqs-restrictive-measures-iran_en.

marittimu u tat-trasport fl-Iran. Aktar dettalji dwar it-tneħħija tas-sanzjonijiet skont il-PAKK jistgħu jinstabu fit-Taqsima 3 tan-**Nota ta' Informazzjoni tal-PAKK tal-UE**¹¹.

B'reazzjoni għall-irtirar tal-Istati Uniti mill-PAKK, l-UE aġġornat l-Istatut ta' Mblukkar sabiex tinkludi fl-Anness tiegħu, is-sanzjonijiet extraterritorjali imposti mill-ġdid mill-Istati Uniti, u b'hekk jittaffa l-impatt ta' dawn is-sanzjonijiet fuq l-operaturi tal-UE li jagħmlu negozju leġittimu fl-Iran u mal-Iran. Dan l-aġġornament kien jiffirma parti mill-appoġġ tal-UE għall-implimentazzjoni kontinwa, sħiħa u effettiva tal-PAKK, inkluż billi jiġu sostnuti r-relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi leġittimi bejn l-UE u l-Iran, li ġew normalizzati meta tneħħew is-sanzjonijiet relatati ma' kwistjonijiet nukleari bħala riżultat tal-PAKK.

Is-sanzjonijiet tal-UE fir-rigward tal-Iran li għadhom fis-seħħ wara t-tneħħija tal-miżuri restrittivi skont il-PAKK huma ffokati, għandhom objettivi ċari, u għandhom fil-mira persuni, entitajiet jew oġġetti speċifiċi, li normalment ma jkunux involuti fl-għajjnuna umanitarja. Is-sanzjonijiet tal-UE fir-rigward tal-Iran ma jikkonċernawx il-mediċina, it-tagħmir mediku u l-għajjnuna medika pprovduti lill-popolazzjoni ġenerali. **Bħala tali, it-tagħmir mediku, inkluż it-tagħmir protettiv personali (personal protective equipment, PPE), ir-respiraturi, l-ossiġenu u l-ventilaturi kif ukoll il-mediċini u oġġetti mediċi oħra li huma meħtieġa għall-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19 mhumiex soġġetti għal restrizzjonijiet diretti fuq l-esportazzjoni, il-provvista, il-finanzjament jew l-użu fl-Iran (Ara t-Taqsima II).** Għalhekk, huwa improbabbli li s-sanzjonijiet tal-UE jistgħu jinterferixxu mal-għajjnuna umanitarja maħsuba għan-nies fil-bżonn fl-Iran għall-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19.

Madankollu, f'każijiet speċifiċi u limitati ħafna, l-esportazzjoni, il-provvista, il-finanzjament ta' dawn l-oġġetti mill-Operaturi Umanitarji jistgħu jiġu affettwati indirettament minn restrizzjonijiet oħrajn, bħall-iffriżar ta' fondi jew ta' riżorsi ekonomiċi ta' ċerti persuni, entitajiet u korpi soġġetti għas-sanzjonijiet tal-UE ("persuni deżinjati") li jistgħu jkunu involuti fit-tranżazzjonijiet rilevanti.

Minkejja t-tneħħija tas-sanzjonijiet skont il-PAKK, għadd ta' miżuri u restrizzjonijiet relatati mal-proliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva (AQM) baqgħu fis-seħħ anke wara Jum l-Implimentazzjoni skont il-PAKK¹². Tneħħija ulterjuri tas-sanzjonijiet hija mistennija fl-2023, skont l-iskeda ta' żmien stabbilita mill-PAKK.

Barra minn hekk, mill-2011 'l hawn l-UE imponiet sanzjonijiet b'rispons għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran¹³.

¹¹ https://eeas.europa.eu/sites/eeas/files/jcpoa_note_en.pdf.

¹² Dawn jikkonċernaw, fost oħrajn, embargo fuq l-armi, miżuri relatati ma' teknoloġija tal-missili, restrizzjonijiet fuq ċerti trasferimenti u attivitajiet relatati man-nukleari u dispożizzjonijiet dwar ċerti metalli u software, li huma soġġetti għal sistema ta' awtorizzazzjoni speċifika. Skont il-PAKK, tneħħija ulterjuri ta' miżuri restrittivi għandha sseħħ fl-2023. Il-Punti 19 u 20 tal-Anness V tal-PAKK.

¹³ Dawn jinkludu restrizzjonijiet tal-ivvjaġġar u iffriżar tal-assi fir-rigward ta' ċerti persuni u entitajiet, kif ukoll embargo fuq tagħmir li jista' jintuża għal repressjoni interna u fuq tagħmir li jista' jintuża għall-monitoraġġ u l-interċezzjoni tal-internet u l-komunikazzjonijiet bit-telefon fuq networks mobbli u fissi.

Bħala regola ġenerali, is-sanzjonijiet tal-UE fir-rigward tal-Iran ma jippermettux li l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi jsiru disponibbli għall-persuni deżinjati, għalkemm jeżistu għadd ta' derogi (ara t-Taqsima I). Madankollu, skont id-Dritt Umanitarju Internazzjonali, fejn ma hemm l-ebda għażla oħra disponibbli, il-provvista ta' għajjuna umanitarja ma għandhiex tiġi evitata mis-sanzjonijiet tal-UE. Dan il-prinċipju madankollu x'aktarx ma jkunx jista' jiġi applikat f'dan il-każ minħabba n-natura mmirata tal-miżuri restrittivi fis-sanzjonijiet tal-UE fir-rigward tal-Iran kif ukoll it-tip u l-għadd limitat ta' deżinjazzjonijiet.

Attivitajiet anċillari meħtieġa biex jappoġġaw il-provvista ta' apparati mediċi (eż. it-trasport ta' apparati mediċi, il-kambju tal-munita u l-ħażna) huma fil-prinċipju permessi. Filwaqt li l-possibbiltà li daww l-azzjonijiet jaqgħu fl-ambitu ta' restrizzjonijiet speċifiċi hija remota, l-Operaturi Umanitarji għandhom jivverifikawhom bir-reqqa ma' din in-Nota qabel ma jitwettqu u, jekk meħtieġ, ifittxu gwida mill-NCA rilevanti.

I. PROJBIZZJONI TA' DISPONIBBILTÀ TA' FONDI U RIŻORSI EKONOMIĊI LIL PERSUNI DEŻINJATI¹⁴

1. L-Operaturi Umanitarji huma permessi jikkollaboraw ma' persuni deżinjati, jekk din hija meħtieġa sabiex jipprovdur għajjuna umanitarja lill-popolazzjoni ċivili fl-Iran fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19?

Iva. L-Operaturi Umanitarji jistgħu jikkollaboraw ma' persuni deżinjati, jekk din hija meħtieġa biex tiġi organizzata l-provvista ta' għajjuna umanitarja b'mod sigur u effiċjenti.

Għalhekk, jekk persuna deżinjata tintervjeni fi tranżazzjoni umanitarja, dan ma jfissirx awtomatikament li t-tranżazzjoni trid tiġi abbandunata. Sakemm l-ebda fond jew riżorsa ekonomika ma jsiru disponibbli għal persuna deżinjata, ir-Regolamenti dwar l-Iran ma jipprojbixx il-kollaborazzjoni ma' din tal-ewwel.

2. L-Operaturi Umanitarji kif jistgħu jiżguraw li mhumiex qed jagħmlu disponibbli fondi jew riżorsi ekonomiċi lil persuni, entitajiet jew korpi deżinjati meta jipprovdur għajjuna għall-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19?

L-Operaturi Umanitarji għandu jkollhom diġà fis-seħħ il-proċeduri meħtieġa biex iwettqu l-kontrolli meħtieġa biex jiżguraw li s-sħab involuti fl-għoti ta' għajjuna umanitarja mhumiex deżinjati taħt is-sanzjonijiet tal-UE. Fil-kuntest tal-għoti ta' għajjuna għall-ġlieda kontra t-tixrid tal-COVID-19 fl-Iran, għandha tingħata attenzjoni mill-qrib lill-persuni, entitajiet jew korpi deżinjati marbutin mas-setturi tal-kura tas-saħħa u tal-loġistika kif ukoll lill-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (Islamic Revolutionary Guard Corps, IRGC), li joperaw f'diversi setturi tal-ekonomija tal-Iran,

¹⁴ L-Annessi VIII, IX, XIII u XIV tar-Regolament dwar l-AQM tal-Iran u Anness I tar-Regolament dwar il-Ksur Serju tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-Iran jinkludu listi ta' individwi, entitajiet u korpi deżinjati taħt is-sanzjonijiet tal-UE. Dawn il-listi huma riflessi fil-Mappa tas-Sanzjonijiet tal-UE (<https://www.sanctionsmap.eu>) u fil-Bażi ta' *Data* tas-Sanzjonijiet Finanzjarji (<https://webgate.ec.europa.eu/fsd/fsf>), li t-tnejn huma aċċessibbli liberament għal Operaturi Umanitarji. Dawn il-listi huma aġġornati regolarment. Is-sors uffiċjali tad-dritt tal-UE huwa l-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, li jipprevali f'każ ta' kunflitt.

inkluża l-kura tas-saħħa¹⁵. L-Operaturi Umanitarji għandhom jiżguraw ukoll li l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi, inkluż it-tagħmir mediku, ma jiġux iddevjati minn persuni deżinjati. Dan jinvolvi l-adozzjoni tal-prekawzjonijiet u l-verifiki meħtieġa biex jiġi żgurat li l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi ma jinqabdux minn dawn il-persuni (eż. l-IRGC), u li l-materjal mediku pprovdut jiġi użat għall-iskopijiet umanitarji maħsuba għalih.

L-Operaturi Umanitarji, speċjalment dawk li huma l-eqreb għall-imsieħba u s-sottokuntratturi esterni, għandhom jiġbru kemm jista' jkun informazzjoni raġonevoli u għandhom jagħmlu lill-imsieħba tagħhom konxji, preferibbilment kuntrattwalment, li l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi ma jridux ikunu disponibbli għall-persuni deżinjati jew għall-benefiċċju tagħhom. L-użu tal-hawala u ta' tipi oħra informali ta' trasferiment ta' flus ukoll huma fl-ambitu ta' dan l-obbligu.

Skont l-Artikolu 42(2) tar-Regolament dwar l-AQM tal-Iran u l-Artikolu 8(2) tar-Regolament dwar il-Ksur Serju tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-Iran, il-ksur tas-sanzjonijiet tal-UE ma jagħti lok għall-ebda responsabbiltà jekk il-vjolutur ma kienx jaf, u ma kellu ebda raġuni valida li jissuspetta, li l-azzjonijiet tiegħu jiksru l-projbizzjonijiet disponibbli. F'dan ir-rigward, is-sanzjonijiet tal-UE ma għandhomx iwasslu għal konformità żejda. B'mod partikolari, ma għandhomx jiġu interpretati li jeħtieġu li l-Operaturi Umanitarji jwettqu sforzi mhux realistiċi biex jiġbru l-evidenza jew jagħtu prova negattiva.

L-Operaturi Umanitarji huma meħtieġa li jipprovdu għajjnuna umanitarja permezz ta' azzjonijiet u persuni li mhumiex ristretti mir-Regolamenti dwar l-Iran u sanzjonijiet oħra applikabbli. Skont id-Dritt Umanitarju Internazzjonali, fejn ma hemm l-ebda għażla oħra disponibbli, il-provvista ta' għajjnuna umanitarja ma għandhiex tiġi evitata mis-sanzjonijiet tal-UE. Madankollu, dan hu improbabli f'dan il-każ minħabba n-natura mmirata tad-deżinjazzjonijiet skont ir-Regolamenti dwar l-Iran. Ara wkoll il-Mistoqsija 15.

F'każ ta' dubju, l-Operaturi Umanitarji għandhom jikkuntattjaw lill-NCA rilevanti¹⁶ biex jivverifikaw jekk il-proċeduri tagħhom ma josservawx il-klawżola kontra ċ-ċirkonvenzjoni stabbilita fir-Regolamenti dwar l-Iran¹⁷. L-NCAs għandhom jipprovdu gwida f'waqtha u ċara għall-Operaturi Umanitarji f'dak ir-rigward.

3. Il-mediċina, it-tagħmir mediku, id-diżinfettanti u t-tagħmir protettiv jikkostitwixxu “riżorsi ekonomiċi”?

Iva. Skont id-definizzjoni fir-Regolamenti dwar l-Iran, “riżorsi ekonomiċi” tfisser kwalunkwe tip ta' riżorsi, “*tanġibbli jew intanġibbli, mobbli jew immobbli, “li mhumiex fondi, iżda li jistgħu jintużaw biex jinkisbu fondi, oġġetti jew servizzi”*¹⁸. Il-provvista ta'

¹⁵ Il-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) huwa inkluż fl-entrata 1, il-Parti II.B u l-Anness IX tar-Regolament dwar l-Armi ta' Qerda Massiva (AQM) fl-Iran.

¹⁶ Lista ta' NCAs tinsab fl-Anness II tar-Regolament dwar il-Ksur Serju tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-Iran u fl-Anness X tar-Regolament dwar l-Armi ta' Qerda Massiva (AQM) tal-Iran.

¹⁷ L-Artikolu 2(3) tar-Regolament dwar il-Ksur Serju tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-Iran u l-Artikolu 41 tar-Regolament dwar l-Armi ta' Qerda Massiva (AQM) tal-Iran.

¹⁸ L-Artikolu 1(c) tar-Regolament dwar il-Ksur Serju tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-Iran u l-Artikolu 1(h) tar-Regolament dwar l-Armi ta' Qerda Massiva (AQM) tal-Iran.

lottijiet ta' mediċini, ta' tagħmir mediku u ta' diżinfettanti lil persuna deżinjata tippermetti lil dik il-persuna, pereżempju, tbigħ l-oġġetti u tikseb fondi bi skambju, u għalhekk, dan jammonta għal riżorsi ekonomiċi disponibbli għal persuna deżinjata jew għall-benefiċċju tagħha. Dan jista' jkun il-każ fejn jiġu pprovduti apparati mediċi lil persuni deżinjati fil-amministrazzjoni Iranjana. Li r-riżorsi ekonomiċi jsiru disponibbli għal persuna deżinjata, jew għall-benefiċċju tagħha, teħtieġ awtorizzazzjoni minn qabel mill-NCA.

Madankollu, jekk l-oġġetti msemmijin hawn fuq jiġu pprovduti lil persuna deżinjata għall-użu tagħha stess jew għal protezzjoni, dan ma jwassalx biex ir-riżorsi ekonomiċi jsiru disponibbli għaliha. Barra minn hekk, ir-Regolamenti dwar l-Iran fihom derogi li jippermettu lill-NCAs jawtorizzaw li fondi jew riżorsi ekonomiċi jsiru disponibbli jekk dawn ikunu meħtieġa biex jissodisfaw il-ħtiġijiet bażiċi ta' persuni deżinjati u l-membri tal-familja dipendenti tagħhom, inkluż il-pagament għal oġġetti tal-ikel, mediċina u trattament mediku¹⁹.

4. Tista' l-provvista ta' għajjnuna medika tammonta għal "tqegħid għad-dispożizzjoni ta' riżorsi ekonomiċi" għal persuni deżinjati?

Fil-prinċipju, il-provvista ta' għajjnuna medika lil persuni infettati minn, jew suspettati li għandhom il-COVID-19, ma titqiesx fiha nnifisha li għandha valur ekonomiku intrinsiku, jew li hija skambjabbli għal fondi jew riżorsi ekonomiċi. Konsegwentement, ma tammontax għal riżorsa ekonomika, u għalhekk l-involviment ta' persuna deżinjata fil-provvista ta' din l-għajjnuna medika ma jiksirx ir-Regolamenti dwar l-Iran.

Fil-każ speċifiku li fih persuna deżinjata tkun involuta fil-katina li twassal għall-provvista ta' għajjnuna medika, ara l-Mistoqsija 1. Fir-rigward tal-iżgurar li l-ebda fond jew riżorsa ekonomika ma jsiru disponibbli għal persuni deżinjati, pereżempju jekk dawn il-persuni jitolbu lill-benefiċjarji jħallsu għas-servizz ipprovdut jew jekk dawn jiksibu kwalunkwe riżorsa ekonomika għall-benefiċċju tagħhom fil-kuntest tal-provvista ta' għajjnuna medika, ara l-Mistoqsija 2.

5. L-Operaturi Umanitarji jistgħu jipprovdu fondi lil organizzazzjonijiet lokali fl-Iran bl-iskop li tiġi miġġielda l-pandemija tal-COVID-19?

Iva.

Fil-każ speċifiku li fih persuna deżinjata tkun involuta fil-katina li twassal għall-provvista ta' għajjnuna umanitarja, ara l-Mistoqsija 1. Fir-rigward tal-iżgurar li l-ebda fond jew riżorsa ekonomika ma jsiru disponibbli għal persuni deżinjati, ara wkoll il-Mistoqsija 2.

¹⁹ L-Artikolu 4 tar-Regolament dwar il-Ksur Serju tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-Iran u l-Artikolu 26 tar-Regolament dwar l-Armi ta' Qerda Massiva (AQM) tal-Iran.

II. RESTRIZZJONIJIET FUQ L-IMPORTAZZJONIJIET U L-ESPORTAZZJONIJIET²⁰

6. Il-provvista ta' ventilaturi jew respiraturi mekkanizzati għal skopijiet mediċi (nifs assistit) u apparat mediku ieħor għall-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19 hija permessa mir-Regolamenti dwar l-Iran?

Iva. Fil-prinċipju, il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment, l-esportazzjoni u l-finanzjament ta' apparat mediku, inklużi l-ventilaturi jew ir-respiraturi mekkanizzati għal skopijiet mediċi, mhumiex ipprojbati mir-Regolamenti dwar l-Iran.

Madankollu, minħabba li xi ftit oġġetti jistgħu jkunu adattati għal użi differenti, uħud minnhom ma għandhom xejn x'jaqsmu ma' attivitajiet umanitarji, tista' tkun meħtieġa valutazzjoni każ b'każ tal-aspetti tekniċi ta' apparat partikolari²¹ li se jiġi esportat biex jiġi żgurat li jkun maħsub biss għal skopijiet mediċi u mhux għal attivitajiet militari, ballistiċi jew ta' proliferazzjoni nukleari.

Dan jispjega għaliex il-bejgħ, il-provvista, l-esportazzjoni u l-finanzjament ta' ċerti oġġetti u teknoloġiji huma soġġetti għall-awtorizzazzjoni minn qabel tal-NCA. Dan huwa l-każ, pereżempju, ta' mikroskopji u tagħmir u individwaturi relatati (inklużi xi wħud li jħaddmu l-X-ray jew spettroskopija bl-elettroni)²², billi dawn jistgħu jintużaw għal attivitajiet relatati mal-arrikkiment li mhumiex konsistenti mal-PAKK. L-esportazzjoni ta' oġġetti oħra, bħal ċerti magni tal-ibbilanċjar, tista' tiġi awtorizzata mill-NCAs meta dawn il-magni jkunu maħsuba għal tagħmir mediku, iżda hija pprojbata fi kwalunkwe każ ieħor, billi dawn jistgħu jintużaw fl-iżvilupp ta' sistemi ta' kunsinna ta' armi nukleari.

Biex tinkiseb awtorizzazzjoni, l-Operaturi Umanitarji jridu juru li t-tagħmir ma jikkontribwixxi għal attivitajiet li mhumiex konsistenti mal-PAKK. Il-mudell li jinsab fl-Anness IIa jista' jipprovdi xi indikazzjonijiet tal-elementi li jistgħu jingħataw attenzjoni mill-Operaturi Umanitarji. L-Operaturi Umanitarji jistgħu jfittxu aktar gwida mill-NCA dwar l-informazzjoni meħtieġa biex jissostanzjaw l-applikazzjoni tagħhom.

Barra minn hekk, l-Artikolu 4a tar-Regolament dwar l-AQM tal-Iran jipprojbixxi l-bejgħ, il-provvista, l-esportazzjoni u l-finanzjament ta' ċerti oġġetti u teknoloġiji, inklużi tipi speċifiċi ta' kompjuters diġitali u assemblaġġi elettronici²³, billi dawn jistgħu jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' sistemi ta' kunsinna ta' armi nukleari.

Għal speċifikazzjonijiet tekniċi, l-Operaturi Umanitarji għandhom ifittxu informazzjoni mingħand il-manifattur. Fil-każ ta' dubju, huma għandhom jikkuntattjaw l-NCA.

²⁰ L-Annessi I, II, III, VIIA u VIIB tar-Regolament dwar l-AQM tal-Iran u Annessi III u IV tar-Regolament dwar il-Ksur Serju tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-Iran fihom listi ta' oġġetti u teknoloġiji koperti mis-sanzjonijiet tal-UE.

²¹ Għalkemm l-oġġetti u t-teknoloġiji msemmija fil-Mistoqsija 6 jistgħu jidhru li jikkorrispondu mal-entrati fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009 ("ir-Regolament dwar l-Użu Doppju", ĠU L 134, 29.5.2009, p.1-269), oġġetti b'użu doppju għandhom karatteristiċi distintivi.

²² L-Artikolu 3a. Ara b'mod partikolari l-entrati II.A2.003 u II.A6.016 tal-Anness II tar-Regolament dwar l-AQM tal-Iran.

²³ Ara b'mod partikolari l-entrati 4A003 tal-Anness III tar-Regolament dwar l-AQM tal-Iran.

Fil-każ speċifiku li fih persuna deżinjata tkun involuta fil-katina li twassal għall-provvista ta' għajjnuna umanitarja, ara l-Mistoqsija 1. Fir-rigward tal-iżgurar li l-ebda fond jew riżorsa ekonomika ma jsiru disponibbli għal persuni deżinjati, ara wkoll il-Mistoqsija 2.

7. Il-provvista tal-mediċini, id-diżinfettanti, id-deterġenti jew is-sustanzi kimiċi għall-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19 hija permessa mir-Regolamenti dwar l-Iran?

Iva. Fil-prinċipju, is-sanzjonijiet tal-UE stabbiliti fir-Regolamenti dwar l-Iran ma jipprojbixxux il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, il-finanzjament jew l-użu ta' mediċini, is-sapun, id-diżinfettanti (bijoċidi), id-deterġenti jew is-sustanzi kimiċi għall-użu mediku meħtieġa għall-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19.

Madankollu, il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, il-finanzjament jew l-użu ta' xi sustanzi kimiċi huma soġġetti għal awtorizzazzjoni mill-NCA skont l-Artikolu 2a tar-Regolament dwar l-AQM tal-Iran, minħabba li jistgħu jintużaw ukoll għal proliferazzjoni ta' armi nukleari.

Fil-każ speċifiku li fih persuna deżinjata tkun involuta fil-katina li twassal għall-provvista ta' għajjnuna umanitarja, ara l-Mistoqsija 1. Fir-rigward tal-iżgurar li l-ebda fond jew riżorsa ekonomika ma jsiru disponibbli għal persuni deżinjati, ara wkoll il-Mistoqsija 2.

8. Il-provvista ta' kits għall-ittejtjar tal-COVID-19 (qRT-PCR KIT) hija permessa mir-Regolamenti dwar l-Iran?

Iva. Ir-Regolamenti dwar l-Iran ma jipprojbixxux il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, il-finanzjament jew l-użu ta' kits għat-ittejtjar tal-COVID-19 bħal kits tal-PCR għal ħin reali kwantitattivi (quantitative real-time, qRT-PCR KIT). Ir-reaġenti użati b'mod komuni fil-qRT-PCR KIT ukoll mhumiex soġġetti għall-ebda tip ta' restrizzjonijiet kummerċjali skont ir-Regolamenti dwar l-Iran. L-NCA għandha tiġi kkuntattjata f'każ li jkun hemm bżonn aktar gwida, pereżempju jekk il-kit ma tkunx tat-tip li normalment jinstab fis-suq.

Fil-każ speċifiku li fih persuna deżinjata tkun involuta fil-katina li twassal għall-provvista ta' kits għall-ittejtjar tal-COVID-19 (qRT-PCR KIT) bħala parti mill-għajjnuna umanitarja, ara l-Mistoqsija 1. Fir-rigward tal-iżgurar li l-ebda fond jew riżorsa ekonomika ma jsiru disponibbli għal persuni deżinjati, ara wkoll il-Mistoqsija 2.

9. Il-provvista ta' tagħmir ta' protezzjoni personali għall-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19 hija permessa mir-Regolamenti dwar l-Iran?

Iva. Fil-prinċipju, ir-Regolamenti dwar l-Iran ma jipprojbixxux il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, il-finanzjament u l-użu ta' tagħmir ta' protezzjoni personali (PPE) meħtieġ għall-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19.

Għalkemm ir-Regolament dwar il-Ksur Serju tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-Iran jipprojbixxi l-esportazzjoni lejn l-Iran ta' ċertu tagħmir protettiv li jista' jintuża għal repressjoni interna, bħal korazza tal-ġisem u elmi, dan speċifikament jeżenta tagħmir

maħsub għas-sikurezza tar-rekwiżiti tax-xogħol²⁴. Fil-każ ta' inċertezza, l-Operaturi Umanitarji għandhom ifittxu l-kjarifika meħtieġa mill-manifattur.

Fil-każ speċifiku li fih persuna deżinjata tkun involuta fil-katina li twassal għall-provvista ta' għajjnuna umanitarja, ara l-Mistoqsija 1. Fir-rigward tal-iżgurar li l-ebda fond jew riżorsa ekonomika ma jsiru disponibbli għal persuni deżinjati, ara wkoll il-Mistoqsija 2.

III. MISTOQSIJET OĦRAJN

10. Il-banek tal-UE jistgħu jiftħu kont bankarju ġdid ma' istituzzjoni finanzjarja jew istituzzjoni ta' kreditu Iranjana biex jappoġġaw l-għajjnuna umanitarja għall-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19?

Iva. Mill-Jum tal-Implimentazzjoni tal-PAKK (is-16 ta' Jannar 2016), attivitajiet bankarji ma' banek Iranjani huma permessi, sakemm l-istituzzjoni finanzjarja Iranjana ma tkunx entità deżinjata. Dan jinkludi l-istabbiliment ta' relazzjonijiet bankarji korrispondenti ġodda u l-istabbiliment ta' impriżi konġunti ġodda. Il-banek huma permessi wkoll li jiftħu uffiċċji, fergħat u sussidjarji fl-Iran. Żewġ banek Iranjani biss jibqgħu deżinjati: Ansar Bank u Mehr Bank²⁵.

11. Ċittadini tal-UE jistgħu jivvjaġġaw lejn l-Iran biex jipprovdu għajjnuna medika għall-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19?

Iva. Fil-prinċipju, xejn fir-Regolamenti dwar l-Iran ma jipprojbixxi li wieħed jivvjaġġa lejn l-Iran jew li jipprovdi għajjnuna medika fil-pajjiż.

Fil-każ speċifiku li fih persuna deżinjata tkun involuta fil-katina li twassal għall-provvista ta' għajjnuna umanitarja, ara l-Mistoqsija 1. Fir-rigward tal-iżgurar li l-ebda fond jew riżorsa ekonomika ma jsiru disponibbli għal persuni deżinjati, ara wkoll il-Mistoqsija 2.

12. L-Operaturi Umanitarji jistgħu jixtru fjuwil, jikru vetturi jew jużaw servizzi ta' trasport privat f'Iran għat-trasport, lejn l-Iran jew fil-pajjiż, ta' tagħmir mediku għall-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19?

Iva.

L-Artikolu 4c tar-Regolament dwar l-AQM tal-Iran jipprojbixxi x-xiri mill-Iran ta' ċerti tipi ta' materjali b'densità ta' enerġija għolja, kif elenkati fl-Anness III tar-Regolament, użati f'"missili" jew f'vettura tal-ajru mingħajr ekwipaġġ. Madankollu, dan ma jikkonċernax fjuwils fossili u bijofjuwils raffinati, inklużi fjuwils għal magni ċertifikati għall-użu fl-avjazzjoni ċivili, sakemm ma jkunux ifformulati apposta għal "missili" jew f'vettura tal-ajru mingħajr ekwipaġġ.

Fil-każ speċifiku li fih persuna deżinjata tkun involuta fil-katina li twassal għall-provvista ta' għajjnuna umanitarja, ara l-Mistoqsija 1. Fir-rigward tal-iżgurar li l-ebda fond jew riżorsa ekonomika ma jsiru disponibbli għal persuni deżinjati, ara wkoll il-Mistoqsija 2.

²⁴ Ara l-punt 5 fl-Anness III tar-Regolament dwar il-Ksur Serju tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-Iran.

²⁵ L-Entrati 8 u 9, il-Parti B, it-Taqsima II, l-Anness IX tar-Regolament dwar l-AQM tal-Iran.

13. L-Operaturi Umanitarji jistgħu jgħinu jirrilokaw lin-nies affettwati mill-pandemija tal-COVID-19 għal postijiet oħra fl-Iran jew barra mill-pajjiż?

Iva.

Fil-każ speċifiku li fih persuna deżinjata tkun involuta fil-katina li twassal għar-rilokazzjoni tan-nies affettwati mill-COVID-19, pereżempju l-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC), ara l-Mistoqsija 1. Fir-rigward tal-iżgurar li l-ebda fond jew riżorsa ekonomika ma jsiru disponibbli għal persuni deżinjati fil-proċess li jwassal għar-rilokazzjoni tan-nies affettwati mill-COVID-19, ara wkoll il-Mistoqsija 2.

14. L-Operaturi Umanitarji jistgħu jiffinanzjaw jew jieħdu sehem fil-kostruzzjoni ta' sptarjiet improvviżati, operazzjonijiet ta' sanità jew infrastrutturi temporanji għall-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19?

Iva.

Fil-każ speċifiku fejn persuna deżinjata tkun involuta fil-kostruzzjoni u/jew tislet benefiċċju ekonomiku minnha, ara l-Mistoqsija 1. Bħala eżempju, dan jista' jkun il-każ jekk il-persuna deżinjata titlob ħlas għall-aċċess għall-infrastruttura temporanja, jew jekk hija żżomm is-sjeda ta' din tal-aħħar wara t-tmiem tal-kriżi kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19.

15. L-Operaturi Umanitarji jistgħu jipprovdu għajnuna umanitarja jekk l-uniku mod ikun li tingħata għajnuna permezz ta' persuni deżinjati?

L-Operaturi Umanitarji jridu dejjem ifittxu soluzzjonijiet li ma jiksrux is-sanzjonijiet tal-UE. Għaldaqstant, l-Operaturi Umanitarji huma meħtieġa li jipprovdu għajnuna umanitarja permezz ta' azzjonijiet u persuni li mhumiex ristretti mir-Regolamenti dwar l-Iran u sanzjonijiet oħra applikabbli. Skont id-Dritt Umanitarju Internazzjonali, fejn ma hemm l-ebda għażla oħra disponibbli, il-provvista ta' għajnuna umanitarja ma għandhiex tiġi evitata mis-sanzjonijiet tal-UE. Madankollu dan x'aktarx ma jkunx il-każ minħabba n-natura mmirata tal-miżuri restrittivi fis-sanzjonijiet tal-UE fir-rigward tal-Iran.

16. L-Operaturi Umanitarji għandhom jiskrutinjaw il-benefiċjarji finali tal-għajnuna umanitarja?

Le. Skont id-Dritt Umanitarju Internazzjonali, l-Artikolu 214(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-prinċipji umanitarji tal-umanità, l-imparzjalità, l-indipendenza u n-newtralità, l-għajnuna umanitarja trid tiġi pprovduta mingħajr diskriminazzjoni. L-identifikazzjoni bħala individwu fil-bżonn trid issir mill-Operaturi Umanitarji fuq il-bażi ta' dawn il-prinċipji. Ladarba tkun saret din l-identifikazzjoni, ma jkun meħtieġ l-ebda skrutinju tal-benefiċjarji finali.

IV. LEĠIŻLAZZJONI OĦRA

17. L-Operaturi Umanitarji huma meħtieġa jikkonformaw mas-sanzjonijiet tal-UE fir-rigward it-Terroriżmu Internazzjonali u mas-sanzjonijiet tal-UE fir-rigward is-sitwazzjoni fis-Sirja meta jagħtu għajnuna għall-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19 fl-Iran?

Iva.

Is-sanzjonijiet tal-UE kontra t-terroriżmu internazzjonali²⁶ huma limitati ħafna f'dak li għandu x'jaqsam mal-Iran u għandhom fil-mira biss ftit persuni u entitajiet Iranjani. Jekk dawn ikunu involuti fi tranżazzjoni, japplikaw ir-restrizzjonijiet speċifiċi fis-sanzjonijiet tal-UE kontra t-terroriżmu internazzjonali. F'każ bħal dan, tista' tkun meħtieġa gwida speċifika ulterjuri mill-NCA.

Is-sanzjonijiet tal-UE fir-rigward is-sitwazzjoni fis-Sirja²⁷ għandhom fil-mira wkoll tliet persuni Iranjani u entità waħda Iranjana. Dawn is-sanzjonijiet huma applikabbli irrispettivament mill-pajjiż fejn l-Operatur Umanitarju qed iwettaq l-attivitajiet tiegħu. Il-projbizzjonijiet rilevanti, li huma differenti minn dawk tar-Regolamenti dwar l-Iran, huma s-suġġett ta' kapitolu apposta f'din in-Nota ta' Gwida.

18. Is-sanzjonijiet tal-Istati Uniti kontra l-Iran jipprojbixxu għadd ta' azzjonijiet li huma permessi mill-UE. L-Operaturi Umanitarji li huma soġġetti għall-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru għandhom ikunu konformi ma' dawn is-sanzjonijiet barranin?

Le. L-Operaturi Umanitarji taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru huma meħtieġa biss li jkunu konformi mas-sanzjonijiet tal-UE. Huma pprojbiti milli jkunu konformi ma' ċerti sanzjonijiet tal-Istati Uniti kontra l-Iran.

Għadd ta' sanzjonijiet tal-Istati Uniti kontra l-Iran huma applikati extraterritorjali. Dan ifisser li huma maħsuba biex jipproduċu effetti lil hinn mit-territorju tal-Istati Uniti u li huma jfittxu li jirregolaw imġiba tal-operaturi ekonomiċi tal-UE li ma għandhom l-ebda konnessjoni sinifikanti mal-Istati Uniti. Madankollu, l-UE ma tirrikonoxxi l-applikazzjoni extraterritorjali tal-liġijiet adottati minn pajjiżi terzi u tqis li din l-applikazzjoni tmur kontra d-dritt internazzjonali.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2271/96 (L-Istatut ta' Mblukkar)²⁸ jipproteġi persuni tal-UE involuti f'kummerċ internazzjonali legali (jiġifieri f'konformità mad-dritt tal-UE) u/jew moviment ta' kapital fost l-oħrajn mal-Iran, kif ukoll attivitajiet kummerċjali relatati, kontra l-effetti tal-liġijiet barranin speċifikati fl-Anness tiegħu, inklużi ċerti sanzjonijiet tal-Istati Uniti kontra l-Iran. Jagħmel dan billi jelimina l-effett fl-UE ta' kwalunkwe deċiżjoni ta' qorti barranija fuq l-bażi tal-liġijiet barranin fl-Anness tiegħu, u billi jippermetti li l-persuni tal-UE jirkupraw fil-qorti d-danni kkawżati mill-applikazzjoni extraterritorjali ta' dawn il-liġijiet barranin.

²⁶ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2580/2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu (ĠU L 344, 28.12.2001, p. 70-75). Il-Kunsill jirrevedi u jemenda l-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet li għalihom japplika dan ir-Regolament. L-aktar verżjoni reċenti tal-lista hija annessa mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1128 tal-30 ta' Lulju 2020 li jimplementa l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 2580/2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu, u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/19 (ĠU L 247, 31.7.2020, p. 1-4). (ĠU L 8, I, 14.1.2020, p. 1-4).

²⁷ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 36/2012 tat-18 ta' Jannar 2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 442/2011 (ĠU L 16, 19.1.2012, p. 1).

²⁸ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2271/96 tat-22 ta' Novembru 1996 li jipproteġi kontra l-effetti tal-applikazzjoni extraterritorjali tal-leġiżlazzjoni adottata minn pajjiżi terzi, u l-azzjonijiet ibbażati fuqha jew li jirriżultaw minnha (ĠU L 309, 29.11.1996, p. 1-6).

Fl-istess ħin, l-Istatut ta' Mblukkar jipprojbixxi l-konformità minn persuni tal-UE ma' kwalunkwe rekwiżit jew projbizzjoni bbażata fuq il-liġijiet barranin speċifikati fl-Anness tiegħu. Persuni tal-UE li l-interessi ekonomiċi u finanzjarji huma affettwati mill-applikazzjoni extraterritorjali ta' dawk il-liġijiet huma meħtieġa li jinfurmaw lill-Kummissjoni Ewropea²⁹.

Dettalji dwar id-drittijiet u l-obbligi stabbiliti mill-Istatut ta' Mblukkar huma disponibbli f'paġna web apposta³⁰.

²⁹ [RELEX-SANCTIONS @ec.europa.eu](mailto:RELEX-SANCTIONS@ec.europa.eu).

³⁰ <https://ec.europa.eu/info/blocking-statute>.

IN-NIKARAGWA

REFERENZI LEGALI U GWIDA

- Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1716 tal-14 ta' Ottubru 2019 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fin-Nikaragwa³¹ (“ir-Regolament dwar in-Nikaragwa”).

Is-sanzjonijiet tal-UE fir-rigward tan-Nikaragwa kienu imposti b'rispons għall-ksur kontinwu tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet ċivili fir-Repubblika tan-Nikaragwa minn forzi tas-sigurtà u gruppi armati favur il-gvern li kienu involuti fir-repressjoni ta' avversarji politiċi, dimostraturi, midja indipendenti u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. L-objettiv tas-sanzjonijiet tal-UE fir-rigward tan-Nikaragwa huwa li tinkiseb bidla fil-politika repressiva tal-Gvern tan-Nikaragwa u li jiġi evitat id-deterjorament ulterjuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-istat ta' dritt fin-Nikaragwa kif ukoll li jingħata kontribut għal soluzzjoni nnegozzata b'mod paċifiku għall-kriżi politiku li għaddej bħalissa.

Is-sanzjonijiet stabbiliti fir-Regolament dwar in-Nikaragwa jinkludu ffrizjar tal-assi u projbizzjoni li kwalunkwe fond jew ass jsiru direttament jew indirettament disponibbli lil, jew għall-benefiċċju ta' dawk li huma responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u li jdgħajfu d-demokrazija u l-istat ta' dritt fir-Repubblika tan-Nikaragwa kif ukoll persuni assoċjati magħhom. Huma previsti għadd ta' eċċezzjonijiet, fosthom għal skopijiet umanitarji. Fid-dawl tas-sitwazzjoni gravi kontinwa fin-Nikaragwa, l-ewwel sett ta' deżinjazzjonijiet ta' individwi u entitajiet soġġetti għall-iffriżjar tal-assi ġiet adottata fl-4 ta' Mejju 2020³².

Is-sanzjonijiet stabbiliti fir-Regolament dwar in-Nikaragwa ma jikkonċernawx il-mediċina, it-tagħmir mediku u l-għajnuna medika pprovduti lill-popolazzjoni ġenerali. Bħala tali, it-tagħmir mediku, inkluż l-ossiġenu, ir-respiraturi, it-tagħmir protettiv personali (PPE) u l-ventilaturi kif ukoll il-mediċini u oġġetti mediċi oħra li huma meħtieġa għall-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19 mhumiex soġġetti għal restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni, il-provvista, il-finanzjament jew l-użu fin-Nikaragwa.

Barra minn hekk, il-miżuri restrittivi stabbiliti fir-Regolament dwar in-Nikaragwa huma ffokati, għandhom objettivi ċari u għandhom fil-mira persuni speċifiċi li huma primarjament marbuta mal-infurzar tal-liġi nazzjonali (il-Pulizija Nazzjonali tan-Nikaragwa jew “NNP”, Nicaraguan National Police), l-amministrazzjoni tal-ħabs tan-Nikaragwa jew li dawk li qed jagħtu pariri lill-President tan-Nikaragwa. Għalhekk, huwa improbabbli li l-miżuri restrittivi tal-UE jistgħu jinterferixxu mal-għajnuna umanitarja maħsuba għan-nies fil-bżonn fin-Nikaragwa fil-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19.

Madankollu, f'każijiet speċifiċi u limitati ħafna, l-esportazzjoni, il-provvista jew il-finanzjament ta' oġġetti meħtieġa mill-Operaturi Umanitarji jistgħu jiġu affettwati

³¹ ĠU L 262, 15.10.2019, p. 1–10.

³² Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 2020/606 li jimplementa r-Regolament (UE) Nru 2019/1716 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fin-Nikaragwa (ĠU L 139I, 4.5.2020, p. 1–3).

indirettament mill-iffriżar ta' fondi jew ta' riżorsi ekonomiċi ta' ċerti persuni, entitajiet u korpi ("persuni deżinjati") li jistgħu jkunu involuti fit-tranżazzjonijiet rilevanti.

Bħala regola ġenerali, **is-sanzjonijiet tal-UE fir-rigward tan-Nikaragwa jippermettu li l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi jsiru disponibbli għall-persuni deżinjati, meta dawn il-fondi jew riżorsi jkunu meħtieġa biss għall-iskop tal-għoti ta' għajjnuna umanitarja, soġġetta għar-rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni** (Ara t-Taqsima I).

Attivitajiet anċillari meħtieġa biex jappoġġaw il-provvista ta' apparati mediċi (eż. it-trasport ta' apparati mediċi, il-kambju tal-munita u l-ħażna) huma wkoll fil-prinċipju permessi, soġġetti għal kundizzjoni msemmija fuq.

I. PROJBIZZJONI TA' DISPONIBBILTÀ TA' FONDI U RIŻORSI EKONOMIĊI LIL PERSUNI DEŻINJATI³³

1. Il-provvista ta' għajjnuna umanitarja fil-forma ta' ikel, mediċini, tagħmir mediku, diżinfettanti, għajjnuna medika u prodotti mediċi oħra, u l-ħolqien ta' infrastrutturi mediċi temporanji meħtieġa għall-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19 fin-Nikaragwa, jikkwalifikaw bħala l-provvista ta' riżorsi "meħtieġa għal skopijiet umanitarji"?

Iva, il-provvista ta' għajjnuna fil-forma indikata fil-Mistoqsija 1 tikkwalifika bħala l-provvista ta' riżorsi "meħtieġa għal skopijiet umanitarji".

2. L-Operaturi Umanitarji huma permessi jikkollaboraw ma' persuni deżinjati, jekk din hija meħtieġa sabiex jipprovdu għajjnuna umanitarja lill-popolazzjoni ċivili tan-Nikaragwa fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19?

Iva. L-Operaturi Umanitarji jistgħu jikkollaboraw ma' persuni deżinjati, jekk din hija meħtieġa biex tiġi organizzata l-provvista ta' għajjnuna umanitarja b'mod sigur u effiċjenti.

Bħala regola ġenerali, l-Artikolu 6(1) tar-Regolament dwar in-Nikaragwa jippermetti li fondi u riżorsi ekonomiċi jsiru disponibbli għall-persuni deżinjati, fejn dawn il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi jkunu meħtieġa biss għall-skopijiet umanitarji bħall-għoti jew il-faċilitazzjoni tal-għoti ta' għajjnuna, inklużi, fost oħrajn, il-provvisti mediċi. L-Operaturi Umanitarji jridu jfittxu jiksbu awtorizzazzjoni minn qabel mill-Awtorità Kompetenti Nazzjonali (National Competent Authority, "NCA") qabel ma' jagħmlu dawn il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi disponibbli għall-persuni deżinjati.

3. L-Operaturi Umanitarji kif jistgħu jiżguraw li mhumiex qed jagħmlu disponibbli fondi jew riżorsi ekonomiċi lil persuni, entitajiet jew korpi deżinjati meta jipprovdu għajjnuna għall-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19?

L-Operaturi Umanitarji għandu jkollhom fis-seħħ il-proċeduri meħtieġa biex iwettqu l-kontrolli meħtieġa biex jiżguraw li s-sħab involuti fl-għoti ta' għajjnuna umanitarja

³³ L-Anness I tar-Regolament dwar in-Nikaragwa fih lista ta' individwi deżinjati taħt is-sanzjonijiet tal-UE. Din il-lista hija riflessa wkoll fil-Mappa tas-Sanzjonijiet tal-UE (<https://www.sanctionsmap.eu/>) u fil-Bażi ta' *Data* tas-Sanzjonijiet Finanzjarji (<https://webgate.ec.europa.eu/fsd/fsf/>), li t-tnejn huma aċċessibbli liberament għal Operaturi Umanitarji. Dawn il-listi huma aġġornati regolarment. Is-sors effiċjali tad-dritt tal-UE huwa l-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, li jipprevali f'każ ta' kunflitt.

mhumieħ deżinjati taħt is-sanzjonijiet tal-UE. Fil-kuntest tal-ġħoti ta' ġħajnuna ġħall-ġħlieda kontra t-tixrid tal-COVID-19 fin-Nikaragwa, ġħandha tingħata attenzjoni mill-qrib lill-persuni deżinjati f'pożizzjonijiet kritiċi marbuta mas-setturi tal-kura tas-saħħa jew tal-pulizija (eż. NNP) li f'xi punt jistgħu jkunu involuti f'operazzjoni umanitarja (eż. ġħal raġunijiet ta' sigurtà). L-Operaturi Umanitarji ġħandhom jiżguraw ukoll li l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi, inkluż it-tagħmir mediku, ma jiġux iddevjati minn persuni deżinjati. Dan jinvolvi l-adozzjoni tal-prekawzjonijiet u l-verifiki meħtieġa biex jiġi żgurat li l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi ma jinqabdux minn dawn il-persuni, u li l-materjal mediku pprovdut jiġi użat ġħall-iskopijiet umanitarji maħsuba ġħalih.

L-Operaturi Umanitarji, speċjalment dawk li huma l-eqreb ġħall-imsieħba u s-sottokuntratturi esterni, ġħandhom jiġbru kemm jista' jkun informazzjoni raġonevoli u ġħandhom jagħmlu lill-imsieħba tagħhom konxji, preferibbilment kuntrattwalment, li l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi ma jridux ikunu disponibbli ġħall-persuni deżinjati jew ġħall-benefiċċju tagħhom.

Skont l-Artikolu 10(2) tar-Regolament dwar in-Nikaragwa, azzjonijiet mill-Operaturi Umanitarji li jiksru il-miżuri restrittivi stabbiliti f'dan ir-Regolament ma jagħti lok ġħall-ebda responsabbiltà jekk il-persuni ma kinux jafu, u ma kellhom ebda raġuni valida li jissuspettaw, li l-azzjonijiet tagħhom jiksru l-projbizzjonijiet disponibbli. F'dan ir-rigward, is-sanzjonijiet tal-UE ma ġħandhomx iwasslu ġħal konformità żejda. B'mod partikolari, ma ġħandhomx jiġu interpretati li jeħtieġu li l-Operaturi Umanitarji jwettqu sforzi mhux realistiċi biex jiġbru l-evidenza jew jagħtu prova negattiva.

Jekk persuna deżinjata tintervjeni fi tranżazzjoni umanitarja, dan ma jfissirx awtomatikament li t-tranżazzjoni trid tiġi abbandunata. Ir-Regolament dwar in-Nikaragwa fih ġħadd ta' derogi importanti li jippermettu li dawn t-tranżazzjonijiet jgħaddu, soġġett ġħall-approvazzjoni minn qabel tal-NCA. Ara wkoll it-Taqsima I, u b'mod partikolari l-Mistoqsijiet 2, 5 u 6, u l-Mistoqsija 19.

F'każ ta' dubju, l-Operaturi Umanitarji ġħandhom jivverifikaw mal-NCA³⁴ rilevanti jekk il-proċeduri tagħhom ma josservawx il-klawżola kontra ċ-ċirkonvenzjoni fir-Regolament dwar in-Nikaragwa³⁵. L-NCAs ġħandhom jipprovdu gwida f'waqtha u ċara ġħall-Operaturi Umanitarji f'dak ir-rigward.

4. Il-mediċina, it-tagħmir mediku, id-diżinfettanti u t-tagħmir protettiv jikkostitwixxu “riżorsi ekonomiċi”?

Iva. Skont id-definizzjoni fir-Regolament dwar in-Nikaragwa, “riżorsi ekonomiċi” tfisser kwalunkwe tip ta' riżorsi, *tanġibbli jew intanġibbli, mobbli jew immobbli, “li mhumieħ fondi, iżda jistgħu jintużaw biex jinkisbu fondi, oġġetti jew servizzi”*³⁶. Il-provvista ta' lottijiet ta' mediċini, ta' tagħmir mediku u ta' diżinfettanti lil persuna deżinjata tippermetti lil dik il-persuna, pereżempju, tbiġħ l-oġġetti u tikseb fondi bi skambju, u ġħalhekk, dan jammonta ġħal riżorsi ekonomiċi disponibbli ġħal persuna deżinjata jew

³⁴ Il-listi tal-NCAs jinsabu fl-Anness II tar-Regolament dwar in-Nikaragwa.

³⁵ L-Artikolu 9 tar-Regolament dwar in-Nikaragwa.

³⁶ L-Artikolu 1(d) tar-Regolament dwar in-Nikaragwa.

għall-benefiċċju tagħha. Li r-riżorsi ekonomiċi jsiru disponibbli għal persuna deżinjata, jew għall-benefiċċju tagħha, teħtieġ awtorizzazzjoni minn qabel mill-NCA.

Madankollu, jekk l-oġġetti msemmijin hawn fuq jiġu pprovduti lil persuna deżinjata għall-użu tagħha stess jew għal protezzjoni, dan ma jwassalx biex ir-riżorsi ekonomiċi jsiru disponibbli għaliha. Barra minn hekk, ir-Regolament dwar in-Nikaragwa fih deroga li tippermetti lill-NCAs jawtorizzaw li fondi jew riżorsi ekonomiċi jsiru disponibbli jekk dawn ikunu meħtieġa biex jissodisfaw il-ħtiġijiet bażiċi ta' persuni deżinjati u l-membri tal-familja dipendenti tagħhom, inkluż il-pagament għal oġġetti tal-ikel, mediċina u trattament mediku³⁷.

5. Tista' l-provvista ta' għajjnuna medika tammonta għal "tqegħid għad-dispożizzjoni ta' riżorsi ekonomiċi" għal persuni deżinjati?

Fil-prinċipju, il-provvista ta' għajjnuna medika lil persuni infettati minn, jew suspettati li għandhom il-COVID-19, ma titqiesx fiha nnifisha li għandha valur ekonomiku intrinsiku, jew li hija skambjabbli għal fondi jew riżorsi ekonomiċi. Konsegwentement, ma tammontax għal riżorsa ekonomika, u għalhekk l-involviment ta' persuna deżinjata fil-provvista ta' tali għajjnuna medika ma tiksirx ir-Regolament dwar in-Nikaragwa.

Fil-każ speċifiku li fih persuna deżinjata tkun involuta fil-katina li twassal għall-provvista ta' għajjnuna medika, ara l-Mistoqsija 2. Fir-rigward tal-iżgurar li l-ebda fond jew riżorsa ekonomika ma jsiru disponibbli għal persuni deżinjati, pereżempju jekk dawn il-persuni jitolbu lill-benefiċjarji jħallsu għas-servizz ipprovdut jew jekk jiksbu kwalunkwe riżorsa ekonomika għall-benefiċċju tagħhom fil-kuntest tal-provvista ta' għajjnuna medika, ara l-Mistoqsija 3.

6. L-Operaturi Umanitarji jistgħu jipprovdu fondi lil organizzazzjonijiet lokali fin-Nikaragwa bl-iskop li tiġi miġġielda l-pandemija tal-COVID-19?

Iva.

Fil-każ speċifiku li fih persuna deżinjata tkun involuta fil-katina li twassal għall-provvista ta' għajjnuna umanitarja, pereżempju fil-każ ta' deżinjazzjonijiet li jikkonċernaw persuni jew entitajiet b'kompetenza fis-settur tas-saħħa jew persuni f'awtoritajiet deżinjati tal-infurzar tal-liġi, ara l-Mistoqsija 2. Fir-rigward tal-iżgurar li l-ebda fond jew riżorsa ekonomika ma jsiru disponibbli għal persuni deżinjati, ara wkoll il-Mistoqsija 3.

II. RESTRIZZJONIJIET FUQ L-IMPORTAZZJONIJIET U L-ESPORTAZZJONIJIET

7. Il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' kwalunkwe oġġett u teknoloġija provduti għal skopijiet umanitarji għall-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19 huma permessi mir-Regolament dwar in-Nikaragwa?

Iva. Is-sanzjonijiet tal-UE stabbiliti fir-Regolament dwar in-Nikaragwa huma ffokati u għandhom fil-mira biss persuni speċifiċi billi jiffriżaw l-assi tagħhom u jipprojbixxu d-disponibbiltà ta' fondi għalihom. Il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment u l-esportazzjoni ta' kwalunkwe oġġett fin-Nikaragwa mhumiex ristretti. Dan ifisser li, bħala regola

³⁷ L-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament dwar in-Nikaragwa.

ġenerali, is-sanzjonijiet tal-UE ma jaffettwawx il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment u l-esportazzjoni ta' kwalunkwe oġġett u teknoloġija għall-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19. F'dan il-kuntest, "oġġetti u teknoloġiji" jinkludu, fost oħrajn, tagħmir ta' protezzjoni personali (PPE), ventilaturi jew respiraturi mekkanizzati għal skopijiet mediċi (nifs assistit) u tagħmir mediku ieħor għall-ġlieda kontra l-COVID-19 kif ukoll kits għall-ittestjar tal-COVID-19 (bħal qRT-PCR KIT għal ħin reali kwantitattiv), mediċini, diżinfettanti, deterġenti jew sustanzi kimiċi.

Fil-każ speċifiku li fih persuna deżinjata tkun involuta fil-katina li twassal għall-provvista ta' dawn l-oġġetti u t-teknoloġija maħsuba għal għajjnuna umanitarja, ara l-Mistoqsija 2. Fir-rigward tal-iżgurar li l-ebda fond jew riżorsa ekonomika ma jsiru disponibbli għal persuni deżinjati, ara wkoll il-Mistoqsija 3.

III. MISTOQSIJET OĦRAJN

8. Il-banek tal-UE jistgħu jiftħu kont bankarju ġdid ma' istituzzjoni finanzjarja jew istituzzjoni ta' kreditu tan-Nikaragwa biex jappoġġaw l-għajjnuna umanitarja għall-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19?

Iva. Attivitàjiet bankarji ma' banek tan-Nikaragwa huma permessi, dment li l-istituzzjoni finanzjarja tan-Nikaragwa ma tkunx entità elenkata fl-Anness I tar-Regolament dwar in-Nikaragwa. Dan jinkludi l-istabbiliment ta' relazzjonijiet bankarji korrispondenti ġodda u l-istabbiliment ta' impriżi konġunti ġodda. Il-banek huma permessi wkoll li jiftħu uffiċċji, fergħat u sussidjarji fin-Nikaragwa. Attwalment, l-ebda istituzzjoni finanzjarja tan-Nikaragwa ma hija soġġetta għal miżuri restrittivi.

9. Ċittadini tal-UE jistgħu jivvjaġġaw lejn in-Nikaragwa biex jipprovdu għajjnuna medika għall-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19?

Iva. Fil-prinċipju, xejn fir-Regolament dwar in-Nikaragwa ma jipprojbixxi li wieħed jivvjaġġa lejn in-Nikaragwa, u lanqas li jipprovdi għajjnuna medika fil-pajjiż.

Fil-każ speċifiku li fih persuna deżinjata tkun involuta fil-katina li twassal għall-provvista ta' għajjnuna umanitarja, ara l-Mistoqsija 2. Fir-rigward tal-iżgurar li l-ebda fond jew riżorsa ekonomika ma jsiru disponibbli għal persuni deżinjati, ara wkoll il-Mistoqsija 3.

10. L-Operaturi Umanitarji jistgħu jixtru fjuwil, jikru vetturi jew jużaw servizzi ta' trasport privat fin-Nikaragwa għat-trasport, lejn in-Nikaragwa jew ġewwa l-pajjiż, ta' tagħmir mediku għall-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19?

Iva. Xejn fir-Regolament dwar tan-Nikaragwa ma jipprevjeni l-Operaturi Umanitarji milli jixtru l-fjuwil fin-Nikaragwa.

Fil-każ speċifiku li fih persuna deżinjata tkun involuta fil-katina li twassal għall-provvista ta' għajjnuna umanitarja, ara l-Mistoqsija 2. Fir-rigward tal-iżgurar li l-ebda fond jew riżorsa ekonomika ma jsiru disponibbli għal persuni deżinjati, ara wkoll il-Mistoqsija 3.

11. L-Operaturi Umanitarji jistgħu jgħinu jirrilokaw lin-nies affettwati mill-pandemija tal-COVID-19 għal postijiet oħra fin-Nikaragwa jew barra mill-pajjiż?

Iva.

Fil-każ speċifiku li fih persuna deżinjata tkun involuta fil-katina li twassal għar-rilokazzjoni ta' persuni affettwati mill-COVID-19, pereżempju membru deżinjat tal-NNP

jew xi ħadd li jaġixxi f'ismu, id-deroga fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament dwar in-Nikaragwa tista' tapplika. Din id-deroga tipprovdli li, taħt ċerti kundizzjonijiet, fondi u riżorsi ekonomiċi jistgħu jsiru disponibbli għal persuni deżinjati meta dawn il-fondi u riżorsi ekonomiċi huma meħtieġa għal skopijiet umanitarji, espliċitament inklużi evakwazzjonijiet min-Nikaragwa. Għal dan, awtorizzazzjoni minn qabel mill-NCA hija meħtieġa.

12. L-Operaturi Umanitarji jistgħu jiffinanzjaw jew jieħdu sehem fil-kostruzzjoni ta' sptarijiet improvviżati, operazzjonijiet ta' sanità jew infrastrutturi temporanji għall-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19?

Iva. Ara l-Mistoqsija 1.

Fil-każ speċifiku fejn persuna deżinjata tkun involuta fil-kostruzzjoni u/jew tislet benefiċċju ekonomiku minnha, ara l-Mistoqsija 2. Bħala eżempju, dan jista' jkun il-każ jekk il-persuna deżinjata titlob ħlas għall-aċċess għall-infrastruttura temporanja, jew jekk hija żżomm is-sjeda ta' din tal-aħħar wara t-tmiem tal-kriżi kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19.

13. L-Operaturi Umanitarji jistgħu jipprovdu għajjnuna umanitarja jekk l-uniku mod ikun li tingħata għajjnuna permezz ta' persuni deżinjati?

L-Operaturi Umanitarji jridu dejjem ifittxu soluzzjonijiet li ma jiksrux is-sanzjonijiet tal-UE u jridu jużaw id-derogi eżistenti skont ir-Regolament tan-Nikaragwa meta jkunu jridu jaġhmlu disponibbli fondi jew riżorsi ekonomiċi għal persuna deżinjata jew għall-benefiċċju tagħha. Għaldaqstant, l-Operaturi Umanitarji huma meħtieġa li jipprovdu għajjnuna umanitarja permezz ta' persuni li mhumiex deżinjati taħt ir-Regolament dwar in-Nikaragwa. Skont id-Dritt Umanitarju Internazzjonali, fejn ma hemm l-ebda għażla oħra disponibbli, il-provvista ta' għajjnuna umanitarja ma għandhiex tiġi evitata mis-sanzjonijiet tal-UE. Madankollu dan huwa improbabbli ħafna fil-każ inkwistjoni minħabba n-natura mmirata tal-miżuri restrittivi fir-Regolament dwar in-Nikaragwa, it-tip u l-għadd limitat ta' deżinjazzjonijiet u l-eżistenza ta' derogi speċifiċi marbuta ma' skopijiet umanitarji, jekk il-linji gwida attwali jiġu segwiti b'mod strett.

IV. KWISTJONIJIET PROĊEDURALI

14. Xi tfisser "deroga"?

Id-derogi huma eċċezzjonijiet espliċiti previsti fl-atti legali, fejn hija permessa azzjoni ristretta (projbita) f'ċirkostanzi speċifiċi, dment li tkun awtorizzata mill-NCA³⁸. Finnuqqas ta' din l-awtorizzazzjoni, l-azzjoni ma tistax titwettaq b'mod legali. Fil-każ speċifiku tal-Artikolu 6 tar-Regolament dwar in-Nikaragwa, l-għan tal-azzjoni jrid jkun biss umanitarju.

15. L-applikazzjonijiet konġunti huma aċċettabbli, pereżempju, applikazzjoni waħda minn diversi Operaturi Umanitarji, jew applikazzjoni waħda għal diversi NCAs fl-istess ħin?

³⁸ Id-derogi huma ġeneralment ifformulati skont il-linji li ġejjin: "B'deroga mill-(projbizzjonijiet fi) Artikolu..., l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw, taħt il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa...".

Għal raġunijiet ta' effiċjenza, jekk proġett umanitarju għall-għieda kontra l-pandemija tal-COVID-19 jeħtieġ diversi applikazzjonijiet għal derogi li għandhom jiġu sottomessi, kemm għal NCA waħda jew aktar, għandu jkun possibbli li tiġi ppreżentata applikazzjoni unika għall-NCAs rilevanti kollha.

Bl-istess mod, jekk proġett umanitarju jkun jeħtieġ diversi Operaturi Umanitarji li japplikaw għal derogi, għandu jkun possibbli li titressaq applikazzjoni konġunta. Id-donaturi, il-banek, l-Organizzazzjonijiet Internazzjonali u l-NGOs involuti fi proġett umanitarju għandhom jikkooperaw biex jiskambjaw informazzjoni sabiex jiġbru l-evidenza meħtieġa mill-NCAs biex jagħtu l-awtorizzazzjoni.

Fiċ-ċirkostanzi eċċezzjonali attwali, l-NCAs huma mistiedna jistabbilixxu punt ta' kuntatt għal derogi umanitarji relatati mal-għieda kontra l-pandemija tal-COVID-19. Minħabba l-urġenza tas-sitwazzjoni, l-NCAs għandhom jikkooperaw biex jiżguraw li jipprovdu tveġibiet f'waqthom u konsistenti għal talbiet bħal dawn. Il-Kummissjoni tinsab lesta biex tappoġġa lill-NCAs fl-isforzi tagħhom.

16. Tista' NCA tagħti awtorizzazzjonijiet ġenerali, jew l-Operaturi Umanitarji għandhom japplikaw għal awtorizzazzjoni għal kull attività?

L-NCAs jistgħu jagħtu derogi taħt kwalunkwe sanzjoni tal-UE għal numru limitat ta' raġunijiet, li l-NCA teħtieġ li tivverifika f'kull każ partikolari.

Ir-Regolament dwar in-Nikaragwa jippermetti lill-NCAs li jagħtu awtorizzazzjoni *"b'dawk il-kundizzjonijiet li jidhrilhom xierqa"* meta r-rilaxx jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' ċerti fondi jew riżorsi ffriżati jew il-provvista tagħhom lil persuni deżinjati jkun meħtieġ għal skopijiet umanitarji.

Huwa f'idejn l-NCA rilevanti li tiddeċiedi jekk, fil-każ ta' attivitajiet/tranżazzjonijiet rikorrenti identiċi li l-kundizzjonijiet tagħhom huma magħrufa minn qabel, hijiex f'pożizzjoni li tagħti awtorizzazzjoni unika li tkopri diversi attivitajiet/tranżazzjonijiet (eż. għal tranżazzjonijiet identiċi approvati fi lottijiet, dment li tista' tiġi żgurata valutazzjoni każ b'każ ta' dawk il-lottijiet, u sorveljanza tal-eżitu tagħhom) jew jekk jeħtieġ li tawtorizza l-attivitajiet/it-tranżazzjonijiet wieħed wieħed. Il-Kummissjoni tkegġegħ lill-NCAs biex jikkunsidraw jekk, fiċ-ċirkostanzi eċċezzjonali attwali, awtorizzazzjoni unika tistax tiffaċilita l-provvista ta' għajjnuna umanitarja lill-persuni affettwati mill-pandemija tal-COVID-19. Fil-ħruġ ta' awtorizzazzjoni, l-NCAs jistgħu jiddeċiedu li jimponu kundizzjonijiet biex jiżguraw li l-eċċezzjonijiet ma jfjixklux jew ma jevitawx l-oġettiv tas-sanzjonijiet.

17. L-Operaturi Umanitarji kif jistgħu jitolbu deroga biex iwettqu azzjoni/tranżazzjoni ristretta, jekk l-iskop ikun li tingħata għajjnuna lil persuni affettwati mill-pandemija tal-COVID-19?

Tista' tintalab deroga minn kwalunkwe Operatur Umanitarju involut fil-katina tal-provvista umanitarja. Normalment, is-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni jkunu fl-aħjar pożizzjoni biex jiġbru l-informazzjoni meħtieġa. L-operaturi l-oħra kollha, inklużi d-donaturi u l-banek, għandhom jikkooperaw mal-applikant biex jiffaċilitaw il-ġbir ta' informazzjoni.

L-Operaturi Umanitarji jridu jindirizzaw l-NCA li magħha għandhom l-eqreb rabta, kif indikat fl-Anness II tar-Regolament dwar in-Nikaragwa. Huma għandhom ifittxu gwida mill-NCA biex jidentifikaw id-dokumenti meħtieġa biex jinkisbu d-derogi rilevanti.

Ara wkoll il-Mistoqsija 15 dwar applikazzjonijiet konġunti.

18. Kif jistgħu jiksbu derogi mħaffa mill-Operaturi Umanitarji, jekk is-sitwazzjoni fuq il-post tkun teħtieġ hekk?

L-Operaturi Umanitarji li qed ifittxu deroga urġenti għandhom jindikaw b'mod ċar l-urġenza u jispjegaw ir-raġunijiet sottostanti fl-applikazzjoni tagħhom. Aktar ma applikazzjoni tkun kompluta, aktar l-NCA tkun tista' tipproċessaha faċilment u b'mod rapidu. Dikjarazzjonijiet ta' appoġġ mid-donaturi, ittri ta' konfort minn awtoritajiet oħra u dokumenti simili jistgħu wkoll jiġu meħmuża mas-sottomissjoni biex tiġi ffaċilitata r-reviżjoni tal-applikazzjoni mill-NCA. L-Operaturi Umanitarji jridu jiksbu l-awtorizzazzjoni rilevanti qabel jibdew il-proġett umanitarju għall-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19.

Sabiex jitħaffef il-proċess, l-Operaturi Umanitarji għandhom jikkollaboraw ma' u jfittxu l-gwida mill-NCA anki qabel tkun ippreżentata applikazzjoni.

Gwida konsistenti fl-UE kollha hija ta' importanza kbira biex jiġi żgurat li l-Operaturi Umanitarji fl-UE jkunu jistgħu jagħmlu xogħolhom. Il-Kummissjoni tinsab lesta biex tappoġġa lill-NCAs fl-isforzi tagħhom, u biex toħloq pjattaforma unika għall-pubblikazzjoni tal-gwida maħruġa mill-NCA.

19. L-Operaturi Umanitarji għandhom jiskrutinjaw il-benefiċjarji finali tal-ghajjnuna umanitarja?

Le. Skont id-Dritt Umanitarju Internazzjonali, l-Artikolu 214(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-prinċipji umanitarji tal-umanità, l-imparzjalità, l-indipendenza u n-newtralità, l-ghajjnuna umanitarja trid tiġi pprovduta mingħajr diskriminazzjoni. L-identifikazzjoni bħala individwu fil-bżonn trid issir mill-Operaturi Umanitarji fuq il-bażi ta' dawn il-prinċipji. Ladarba tkun saret din l-identifikazzjoni, ma jkun meħtieġ l-ebda skrutinju tal-benefiċjarji finali.

IS-SIRJA

REFERENZI LEGALI U GWIDA

- Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 36/2012 tat-18 ta' Jannar 2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja, (ir-Regolament dwar is-Sirja)³⁹;
- Id-dokument dwar il-“Mistoqsijiet Frekwenti” tal-Kummissjoni Ewropea dwar miżuri restrittivi tal-UE fis-Sirja⁴⁰ (“Mistoqsijiet Frekwenti dwar is-Sirja”).

Is-sanzjonijiet tal-UE fir-rigward tas-Sirja (“Sanzjonijiet kontra s-Sirja”) kienu imposti b'rispons għar-repressjoni vjolenti mir-reġim Sirjan, inkluż permezz tal-użu ta' armi kimiċi u munizzjon attiv, ta' protesta paċifika li rriżultat f'mewt u korriment ta' diversi dimostranti u detenzjonijiet arbitrari. Is-sanzjonijiet stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 36/2012 jikkonsistu minn għadd ta' restrizzjonijiet settorjali, inkluża projbizzjoni fuq l-esportazzjoni ta' prodotti jew teknoloġija li jistgħu jintużaw għal repressjoni interna, inklużi sustanzi kimiċi użati f'attakki kimiċi, u projbizzjoni fuq ix-xiri lokali u l-importazzjoni ta' prodotti petrolifiċi. Huma previsti għadd ta' eċċezzjonijiet, b'mod partikolari għal skopijiet umanitarji. Is-sanzjonijiet tal-UE għandhom fil-mira persuni speċifiċi u setturi speċifiċi tal-ekonomija Sirjana, li jfisser li l-maġġoranza tas-setturi – inkluż l-ikel u l-mediċini – mhuma bl-ebda mod fil-mira tas-sanzjonijiet tal-UE.

Is-sanzjonijiet stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 36/2012 jinkludu denominazzjonijiet individwali li jinvolvu ffriżar tal-assi fuq persuni u entitajiet responsabbli għar-ripressjoni vjolenti kontra l-popolazzjoni ċivili, persuni li jibbenefikaw minn jew li jappoġġaw ir-reġim, il-Ministri, membri anzjani tal-forzi armati Sirjani. Mis-17 ta' Frar 2020, ġew deżinjati 277 individwu u 71 entità. Dawn il-listi huma riflessi wkoll fil-Mappa ta' Sanzjonijiet tal-UE⁴¹ u fil-Bażi ta' *Data* tas-Sanzjonijiet Finanzjarji⁴², li t-tnejn huma liberament aċċessibbli onlajn.

Minħabba l-preżenza sinifikanti ta' gruppi terroristiċi f'żoni fis-Sirja, is-sanzjonijiet tal-UE kontra t-terroriżmu internazzjonali skont ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (I-UNSCR) 1267 u 1373 huma wkoll rilevanti f'dan il-kuntest⁴³. Bl-istess mod, l-UE adottat sanzjonijiet kontra l-proliferazzjoni u l-użu ta' armi kimiċi⁴⁴, li

³⁹ ĠU L 016 19.1.2012, p. 1.

⁴⁰ https://ec.europa.eu/info/files/170901-faqs-restrictive-measures-syria_en.

⁴¹ <https://www.sanctionsmap.eu/>.

⁴² <https://webgate.ec.europa.eu/fsd/fsf>.

⁴³ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati mal-ISIL (Da'esh) u mal-organizzazzjonijiet Al-Qaida (ĠU L 139, 29.5.2002, p. 9); Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/1686 tal-20 ta' Settembru 2016 li jimponi miżuri restrittivi addizzjonali kontra ISIL (Da'esh) u Al-Qaida u persuni fiżiċi u ġuridiċi, gruppi, entitajiet jew korpi assoċjati magħhom (ĠU L 255, 21.9.2016, p. 1); Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2580/2001 tas-27 ta' Diċembru 2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu (ĠU L 344, 28.12.2001, p. 70).

⁴⁴ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1542 tal-15 ta' Ottubru 2018 li jikkonċerna miżuri restrittivi kontra l-proliferazzjoni u l-użu ta' armi kimiċi (ĠU L 259, 16.10.2018, p. 12).

bħalissa għandhom fil-mira ħames persuni Sirjani (“Sanzjonijiet tal-UE dwar it-Terroriżmu Internazzjonali u Armi Kimiċi”).

Is-Sanzjonijiet kontra s-Sirja u Sanzjonijiet tal-UE li jikkonċernaw it-Terroriżmu Internazzjonali u l-Armi Kimiċi ma jikkonċernawx il-mediċina, it-tagħmir mediku u l-għajnuna medika pprovduti lill-popolazzjoni ġenerali. Bhalta tali, it-tagħmir mediku, inkluż l-ossiġenu, ir-respiraturi, it-tagħmir protettiv personali (PPE) u l-ventilaturi kif ukoll il-mediċini u oġġetti mediċi oħra li huma meħtieġa għall-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19 mhumiex soġġetti għal restrizzjonijiet diretti fuq l-esportazzjoni, il-provvista, il-finanzjament jew l-użu fis-Sirja.

Madankollu, f’każijiet speċifiċi, l-esportazzjoni, il-provvista, il-finanzjament jew l-użu ta’ dawn l-oġġetti jistgħu jiġu affettwati indirettament minn restrizzjonijiet oħrajn, bħall-iffriżar ta’ fondi jew ta’ riżorsi ekonomiċi ta’ ċerti persuni, entitajiet u korpi soġġetti għal sanzjonijiet tal-UE (“persuni deżinjati”) li jkunu involuti fit-tranżazzjonijiet rilevanti.

Bħala regola ġenerali, **is-Sanzjonijiet kontra s-Sirja jippermettu li l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi jsiru disponibbli għall-persuni deżinjati, fejn dawn il-fondi jew riżorsi ekonomiċi jkunu meħtieġa biss għall-iskop tal-għoti ta’ għajnuna umanitarja fis-Sirja jew għajnuna lill-popolazzjoni ċivili fis-Sirja.** F’ċerti każijiet tkun meħtieġa liċenzja minn qabel mill-NCA (ara t-Taqsima I).

Barra minn hekk, l-Operaturi Umanitarji jistgħu jeħtieġu wkoll li jwettqu attivitajiet anċillari (eż. it-trasport ta’ apparati mediċi, il-kambju tal-munita u ħażna), li jistgħu jiġu affettwati minn restrizzjonijiet speċifiċi (eż. projbizzjoni fuq ix-xiri ta’ prodotti taż-żejt fis-Sirja). **Is-sanzjonijiet kontra s-Sirja jipprevedu wkoll serje ta’ derogi li jippermettu t-twettiq ta’ attivitajiet anċillari bħal dawn, taħt ċerti kundizzjonijiet** (ara t-Taqsima II u III).

Il-mistoqsijiet ta’ hawn taħt ġew ikkompilati permezz ta’ interazzjoni mal-NCAs, l-Operaturi Umanitarji u partijiet ikkonċernati internazzjonali oħra sa mill-bidu tal-kriżi tal-COVID-19.

I. PROJBIZZJONI TA’ DISPONIBBILTÀ TA’ FONDI U RIŻORSI EKONOMIĊI LIL PERSUNI DEŻINJATI

1. Il-provvista ta’ għajnuna umanitarja fil-forma ta’ ikel, mediċini, tagħmir mediku, diżinfettanti, għajnuna medika u prodotti mediċi oħra, u l-ħolqien ta’ infrastrutturi mediċi temporanji meħtieġa għall-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19 fis-Sirja, jikkwalifikaw bħala “għajnuna umanitarja” jew “għajnuna lill-popolazzjoni ċivili”?

Iva, il-provvista ta’ għajnuna umanitarja fil-formola indikata fil-Mistoqsija 1 tikkwalifika bħala “għajnuna umanitarja” jew “għajnuna lill-popolazzjoni ċivili”.

2. L-Operaturi Umanitarji huma permessi jikkollaboraw ma’ persuni deżinjati meta jipprovdu għajnuna umanitarja lill-popolazzjoni ċivili fis-Sirja fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19?

Iva. L-Operaturi Umanitarji jistgħu jikkollaboraw ma’ persuni deżinjati, jekk din hija meħtieġa biex tiġi organizzata l-provvista ta’ għajnuna umanitarja b’mod sigur u effiċjenti.

Bħala regola ġenerali, l-Artikolu 16a(2) tar-Regolament dwar is-Sirja jippermetti li fondi u riżorsi ekonomiċi jitqiegħdu għad-dispożizzjoni ta' persuni deżinjati, fejn dawn il-fondi jew riżorsi ekonomiċi jkunu meħtieġa biss għall-iskop ta' provvista ta' għajjnuna umanitarja fis-Sirja jew għajjnuna lill-popolazzjoni ċivili fis-Sirja. Biex dan isir, hija meħtieġa liċenzja minn qabel mill-NCA.

Ir-Regolament dwar is-Sirja jippermetti wkoll li l-Operaturi Umanitarji jagħmlu disponibbli fondi u riżorsi ekonomiċi lill-persuni deżinjati mingħajr il-ħtieġa ta' awtorizzazzjoni minn qabel mill-NCA f'każijiet limitati ħafna (ara l-Artikolu 16a(1) tar-Regolament dwar is-Sirja). Ara l-Mistoqsijiet 19 u 25.

3. Il-mediċina, it-tagħmir mediku, id-diżinfettanti u t-tagħmir protettiv jikkostitwixxu “riżorsi ekonomiċi”?

Iva. Skont id-definizzjoni fir-Regolament dwar is-Sirja, “riżorsi ekonomiċi” tfisser kwalunkwe tip ta' riżorsi, tanġibbli jew intanġibbli, mobbli jew immobbli, “*li mhumiex fondi, iżda li jistgħu jintużaw biex jinkisbu fondi, oġġetti jew servizzi*”⁴⁵. Il-provvista ta' lottijiet ta' mediċini, ta' tagħmir mediku u ta' diżinfettanti lil persuna deżinjata tippermetti lil dik il-persuna, pereżempju, tbigħ l-oġġetti u tikseb fondi bi skambju, u għalhekk dan jammonta għal riżorsi ekonomiċi disponibbli għal persuna deżinjata jew għall-benefiċċju tagħha. Dan jista' jkun il-każ fejn jiġu pprovduti apparati mediċi lil persuni deżinjati fi ħdan l-amministrazzjoni Sirjana jew lil persuni deżinjati li jmexxu faċilitajiet tal-kura tas-saħħa. Li r-riżorsi ekonomiċi jsiru disponibbli għal persuna deżinjata, jew għall-benefiċċju tagħha, teħtieġ awtorizzazzjoni minn qabel mill-NCA, sakemm ma jkunx eżentat mod ieħor.

Madankollu, jekk l-oġġetti msemminjin hawn fuq jiġu pprovduti lil persuna deżinjata għall-użu tagħha stess jew għal protezzjoni, dan ma jwassalx biex ir-riżorsi ekonomiċi jsiru disponibbli għaliha (ara, b' analoġija, il-Mistoqsija 6 tal-Mistoqsijiet Frekwenti dwar is-Sirja).

4. Tista' l-provvista ta' għajjnuna medika tammonta għal “tqegħid għad-dispożizzjoni ta' riżorsi ekonomiċi” għal persuni deżinjati?

Fil-prinċipju, il-provvista ta' għajjnuna medika lil persuni infettati minn, jew suspettati li għandhom l-COVID-19, ma titqiesx fiha nnifisha li għandha valur ekonomiku intrinsiku, jew li hija skambjabbli għal fondi jew riżorsi ekonomiċi. Konsegwentement, ma tammontax għal riżorsa ekonomika, u għalhekk l-involviment ta' persuna deżinjata fil-provvista ta' din l-għajjnuna medika ma jiksirx ir-Regolament dwar is-Sirja.

Għall-każ speċifiku li fih persuna deżinjata tkun involuta fil-provvista ta' għajjnuna medika u tislet benefiċċju ekonomiku minnha, pereżempju billi jiġu imposti l-benefiċjarji għas-servizz ipprovdut jew billi jinkiseb kwalunkwe materjal għall-benefiċċju tiegħu/tagħha fil-kuntest tal-provvista ta' għajjnuna medika, ara l-Mistoqsija 2.

5. L-Operaturi Umanitarji jistgħu jipprovdu fondi lil organizzazzjonijiet lokali fis-Sirja bl-iskop li tiġi miġġielda l-pandemija tal-COVID-19?

⁴⁵ L-Artikolu 1(f) tar-Regolament dwar is-Sirja.

Iva.

Fil-każ speċifiku li fih persuna deżinjata tintervjeni fil-katina li twassal għall-provvista ta' għajjnuna umanitarja, ara l-Mistoqsijiet 2 u 4. Fir-rigward ta' kif jiġi żgurat li l-ebda fond jew riżorsa ekonomika ma jsiru disponibbli għal persuni deżinjati, ara wkoll il-Mistoqsija 20.

II. RESTRIZZJONIJIET FUQ L-IMPORTAZZJONIJIET U L-ESPORTAZZJONIJIET

6. L-esportazzjoni tal-ventilaturi jew tar-respiraturi mekkanizzati għal skopijiet mediċi (nifs assistit) hija permessa mis-sanzjonijiet kontra s-Sirja?

Iva. Fil-prinċipju, il-ventilaturi għal skopijiet mediċi ma jaqgħux taħt l-ambitu tar-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni tar-Regolament dwar is-Sirja.

Fil-każ ta' respiraturi mekkanizzati jaf tkun meħtieġa valutazzjoni tal-każijiet individwali tal-aspetti tekniċi tal-oġġett partikolari li se jiġi esportat biex jiġi żgurat li jkun ikun maħsub biss għal skopijiet mediċi u mhux għal attivitajiet militari jew ripressjoni interna. Dan minħabba li fil-każ tal-aħħar, ir-respiraturi mekkanizzati jistgħu jkunu soġġetti għal awtorizzazzjoni minn qabel tal-NCA taħt ir-Regolament dwar l-Użu Doppju, kif imsemmi fir-Regolament dwar is-Sirja⁴⁶.

Għal speċifikazzjonijiet tekniċi, l-Operaturi Umanitarji għandhom ifittxu informazzjoni mingħand il-manifattur dwar jekk l-oġġett jaqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Użu Doppju.

F'każ ta' dubju, l-NCA għandha tiġi kkuntattjata.

Fil-każ speċifiku li fih persuna deżinjata tkun involuta fil-katina li twassal għall-provvista ta' għajjnuna umanitarja, ara l-Mistoqsija 2.

7. Il-provvista ta' apparat mediku differenti minn ventilaturi jew respiraturi mekkanizzati għall-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19, inklużi ċ-ċilindri tal-ossiġenu, hija permessa mir-Regolament dwar is-Sirja?

Iva. Fil-prinċipju, il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni lejn is-Sirja, il-finanzjament jew l-użu ta' apparat mediku mhumiex ipprojbti mir-Regolament dwar is-Sirja.

Fil-każ speċifiku li fih persuna deżinjata tista' tikseb riżorsi ekonomiċi mill-provvista ta' għajjnuna umanitarja, ara l-Mistoqsija 2.

8. Il-provvista tal-mediċini, id-diżinfettanti, id-deterġenti jew is-sustanzi kimiċi għall-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19 hija permessa mir-Regolament dwar is-Sirja?

⁴⁶ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009 tal-5 ta' Mejju 2009 li jstabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-transitu ta' oġġetti b'użu doppju. Ara b'mod partikolari l-entrata 1A004.a tal-Anness tar-Regolament dwar l-Użu Doppju, li hemm referenza għalih fl-Artikolu 2d tar-Regolament dwar is-Sirja, kif emendat bl-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 697/2013 tat-22 ta' Lulju 2013 (ĠU L 198, 23.7.2013, p. 28).

Iva. Fil-prinċipju, il-miżuri restrittivi tal-UE stabbiliti fir-Regolament dwar is-Sirja ma jipprobbixxux il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, il-finanzjament jew l-użu ta' mediċini, is-sapun, id-diżinfettanti (bijoċidi), id-deterġenti jew is-sustanzi kimiċi għall-użu mediku meħtieġa għall-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19.

Madankollu, il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni lejn is-Sirja, il-finanzjament jew l-użu ta' xi sustanzi kimiċi użati għad-dizinfekzjoni / tindif, jeħtieġu awtorizzazzjoni minn qabel mogħtija minn NCA skont l-Artikolu 2b, minħabba li jistgħu jintużaw ukoll għal repressjoni interna, inkluż it-twettiq ta' attakki kimiċi. B'mod partikolari, dan huwa l-każ tal-etanol, isopropanol u ipoklorit tas-sodju⁴⁷.

Hija meħtieġa awtorizzazzjoni għall-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-etanol, l-isopropanol u l-ipoklorit tas-sodju waħdu jew f'taħlitiet f'konċentrazzjonijiet għoljin speċifiċi ("Konċentrazzjonijiet ristretti")⁴⁸. Biex tinkiseb awtorizzazzjoni bħal din, l-Operaturi Umanitarji jridu juru li dawn is-sustanzi se jintużaw biex jipprovdu għajjnuna umanitarja fil-kuntest tal-ġlieda kontra l-pandemija, u mhux għal skopijiet oħra⁴⁹. L-Operaturi Umanitarji jistgħu jfittxu gwida mill-NCA dwar l-informazzjoni meħtieġa biex jissostanzjaw l-applikazzjoni għal dik l-awtorizzazzjoni.

Id-diżinfettanti, is-sanitizzaturi tal-idejn u d-deterġenti fil-forma ta' prodotti finali huma taħlita minnhom infushom. Madankollu, dawn il-prodotti finali ġeneralment jeħtieġu konċentrazzjoni aktar baxxa ta' etanol, isopropanol u ipoklorit tas-sodju mill-konċentrazzjonijiet Ristretti⁵⁰. F'dan il-każ, id-deroga mhix meħtieġa. Għalhekk, dawn il-prodotti jistgħu jiġu nneozjati b'mod liberu u jiġu pprovduti fil-kuntest tal-għajjnuna umanitarja.

Awtorizzazzjoni minn qabel mhix meħtieġa wkoll fil-każ inqas probabbli fejn daww il-prodotti finali jinkorporaw l-ipoklorit tal-etanol, isopropanol u ipoklorit tas-sodju f'konċentrazzjoni daqs jew ogħla mill-Konċentrazzjonijiet ristretti, sakemm l-Operatur

⁴⁷ L-etanol huwa sustanza attiva li tintuża għal ħafna prodotti diżinfettanti (prodott tat-tip 1 skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bjoċidali). Riċentement, l-isopropanol intuża bħala alternattiva għall-etanol minħabba n-nuqqas ta' dan tal-aħħar. L-ipoklorit tas-sodju jintuża bħala bjoċida f'deterġenti, li normalment jinsab fi bliċ likwidu. Il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' etanol, isopropanol, u ipoklorit tas-sodju, li huma elenkati taħt l-Anness IX, entrata A1.004, huma soġġetti għal rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 2b tar-Regolament dwar is-Sirja. L-etanol huwa applikat fil-produzzjoni tal-alkilfosfonati tad-dialkil u tal-etanol anidruż, li jista' jintuża bħala solventi f'reazzjonijiet kimiċi għall-produzzjoni ta' prekursori tal-armi kimiċi (inkluż Sarin). Is-soluzzjonijiet tal-ipoklorit tas-sodju jistgħu jintużaw biex jiġi estratt il-gass tal-kloru.

⁴⁸ Ir-restrizzjoni tapplika għal taħlitiet f'konċentrazzjonijiet minn 90 % jew aktar (etanol, ipoklorit tas-sodju) jew 95 % jew aktar (Isopropanol).

⁴⁹ Skont l-Artikolu 2b(2), l-NCA ma għandhiex tagħti awtorizzazzjoni jekk ikollha raġunijiet validi biex tiddetermina li s-sustanzi li l-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tagħhom huma inkwistjoni huma jew jistgħu jintużaw għal repressjoni interna jew għall-manifattura u l-manutenzjoni ta' prodotti li jistgħu jintużaw għal repressjoni interna.

⁵⁰ Il-konċentrazzjoni ta' etanol u isopropanol fid-diżinfettanti u d-deterġenti hija normalment ta' 75 %. Il-bliċ fih l-ipoklorit tas-sodju f'konċentrazzjoni ta' anqas minn 10 %, b'konċentrazzjoni komuni ta' madwar 5 %.

Umanitarju jista' juri fost l-oħrajn li kwalunkwe waħda minn dawn il-kundizzjonijiet tintlaħaq:

1. l-etanol, l-isopropanol u l-ipoklorit tas-sodju ma jistgħux faċilment jitneħħew mill-prodott jew jintużaw għal skopijiet oħra (tneħħija/addattament tal-kimiki kkontrollati mhix fattibbli)⁵¹; jew
2. Għall-etanol u għall-ipoklorit tas-sodju, il-prodotti finali jkunu oġġetti għall-konsumatur ippakkjati għall-bejgħ bl-imnut għall-użu personali jew ippakkjati għall-użu individwali⁵².

Għal speċifikazzjonijiet tekniċi tal-oġġetti, l-Operaturi Umanitarji għandhom ifittxu informazzjoni mingħand il-manifattur, possibbilment billi jiksbu dikjarazzjoni li l-punt ma jaqax taħt ir-restrizzjoni rilevanti tar-Regolament dwar is-Sirja⁵³. Fil-każ ta' dubju, l-Operaturi Umanitarji għandhom jikkuntattjaw l-NCA.

Fil-każ speċifiku li fih persuna deżinjata tkun involuta fil-katina li twassal għall-provvista ta' għajjnuna umanitarja, ara l-Mistoqsija 2.

9. Il-provvista ta' kits għall-ittejtjar tal-COVID-19 (qRT-PCR KIT) hija permessa mir-Regolament dwar is-Sirja?

Iva. Il-miżuri restrittivi tal-UE previsti fir-Regolament dwar is-Sirja ma jipprojbixxux il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, il-finanzjament jew l-użu ta' kits għall-ittejtjar tal-COVID-19 bħal kits tal-PCR għal ħin reali kwantitattiv (qRT-PCR KIT). Ir-reaġenti komunement użati fil-qRT-PCR KIT ukoll mhumiex soġġetti għall-ebda tip ta' restrizzjonijiet kummerċjali taħt ir-Regolament dwar is-Sirja. Jekk l-Operatur Umanitarju jkollu raġunijiet biex jemmen li r-reaġenti pprovduti mal-qRT-PCR KIT mhumiex dawk użati b'mod komuni, huwa għandu jfittex konferma mill-manifatturi li dawk ir-reaġenti mhumiex soġġetti għal restrizzjonijiet tal-esportazzjoni skont ir-Regolament dwar is-Sirja. L-NCA għandha tiġi kkuntattjata f'każ li tkun meħtieġa aktar gwida.

Fil-każ speċifiku li fih persuna deżinjata tintervjeni fil-katina li twassal għall-provvista ta' kit għall-ittejtjar tal-COVID-19 (qRT-PCR KIT) bħala parti mill-għajjnuna umanitarja, ara l-Mistoqsija 2.

10. Il-provvista ta' tagħmir ta' protezzjoni personali għall-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19 hija permessa mir-Regolament dwar is-Sirja?

⁵¹ Ara n-Nota Ġenerali għall-Anness IX, kif emendata bl-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 509/2012 tal-15 ta' Ġunju 2012 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 36/2012 (ĠU L 156, 16.6.2012, p. 10).

⁵² Ara l-Anness IX tar-Regolament dwar is-Sirja, kif emendat bl-ittra (a), il-punt 11, l-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 697/2013 tat-22 ta' Lulju 2013 (ĠU L 198, 23.7.2013, p. 28). Skont dan l-Artikolu, din il-kundizzjoni ma tapplikax għal dawk l-oġġetti ta' konsumatur li jinkorporaw l-isopropanol.

⁵³ B'mod partikolari, l-annotazzjoni A1.004 tal-Anness IX tar-Regolament dwar is-Sirja.

Iva. Fil-prinċipju, ir-Regolament dwar is-Sirja ma jipprojbixxix il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, il-finanzjament u l-użu ta' tagħmir ta' protezzjoni personali (PPE) meħtieġ għall-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19.

Ċerti oġġetti speċifiċi użati bħala PPE fil-kuntest tal-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19, bħall-maskli, l-ingwanti u ż-żraben protettivi jistgħu jiġu adattati wkoll biex jintużaw f'sitwazzjonijiet ta' gwerra biex jiġu protetti minn aġenti bijoloġiċi. Il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, il-finanzjament jew l-użu ta' dan il-PPE huma soġġetti għal awtorizzazzjoni minn qabel minn NCA⁵⁴.

L-Operaturi Umanitarji għandhom jiżguraw li l-PPEs maħsuba għall-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, il-finanzjament jew l-użu fil-ġlieda kontra l-pandemija mhumiex adattati għall-użu f'sitwazzjonijiet ta' gwerra. Fil-każ ta' inċertezza, l-Operaturi Umanitarji għandhom ifittxu l-kjarifika meħtieġa mill-manifattur. Jekk madankollu tkun meħtieġa awtorizzazzjoni, minħabba li l-PPE jkun adattat għall-użu f'sitwazzjonijiet ta' gwerra flimkien mal-użu f'kuntesti ċivili, l-Operatur Umanitarju għandu juri lill-NCA li l-oġġett għandu skop umanitarju⁵⁵.

Fil-każ speċifiku li fih persuna deżinjata tkun involuta fil-katina li twassal għall-provvista ta' għajjnuna umanitarja, ara l-Mistoqsija 2.

III. RESTRIZZJONIET OĦRAJN

11. Il-banek tal-UE jistgħu jifflu kont bankarju ġdid ma' istituzzjoni finanzjarja jew istituzzjoni ta' kreditu Sirjana biex jappoġġaw l-għajjnuna umanitarja fil-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19?

Iva, soġġett għal talba speċifika għal deroga.

Skont kundizzjonijiet speċifiċi, l-Artikolu 25a tar-Regolament dwar is-Sirja jipprevedi li l-banek jistgħu jitolbu deroga mill-NCA biex jifflu kont bankarju ma' istituzzjoni finanzjarja jew ta' kreditu Sirjana bil-għan li jipprovdu għajjnuna lill-popolazzjoni ċivili Sirjana. Ara wkoll il-mistoqsijiet 23 sa 24 tal-Mistoqsijiet Frekwenti tas-Sirja.

12. Ċittadini tal-UE jistgħu jivvjaġġaw lejn is-Sirja biex jipprovdu għajjnuna medika għall-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19?

Iva. Fil-prinċipju, xejn fir-Regolament dwar is-Sirja ma jipprojbixxi li wieħed jivvjaġġa lejn is-Sirja, u lanqas li jipprovdi għajjnuna medika fil-pajjiż.

Fil-każ speċifiku li fih persuna deżinjata tkun involuta fil-katina li twassal għall-provvista ta' għajjnuna umanitarja, ara l-Mistoqsija 2.

⁵⁴ B'mod partikolari, ara l-entrata I.B.1A004, it-Tabella A, il-Parti 1 tal-Anness IA tar-Regolament dwar is-Sirja. Din l-entrata tkopri, fost l-oħrajn, ilbies protettiv, ingwanti u żraben imfassla jew immodifikati apposta għad-difiża kontra aġenti bijoloġiċi adattati għall-użu fi gwerra.

⁵⁵ L-Artikolu 2a(2) tar-Regolament dwar is-Sirja.

13. L-Operaturi Umanitarji jistgħu jixtru fjuwil fis-Sirja għat-trasport, lejn is-Sirja jew ġewwa l-pajjiż, ta' tagħmir mediku għall-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19?

Iva, skont l-Artikolu 6a tar-Regolament dwar is-Sirja.

Jekk l-Operaturi Umanitarji jirċievu finanzjament pubbliku mill-UE jew minn Stat Membru bl-iskop li jipprovdu għajnuna umanitarja fis-Sirja, ma tkun meħtieġa l-ebda awtorizzazzjoni minn qabel mill-NCA biex jinxtara fjuwil meħtieġ biex tiġi pprovduta tali għajnuna skont l-Artikolu 6a(1). F'dan il-każ, jekk il-ħlas għall-fjuwil jgħaddi għand persuna deżinjata, dan jista' jsir mingħajr awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 16a(1) tar-Regolament.

Jekk l-Operaturi Umanitarji ma jirċevux finanzjament mill-UE jew minn Stat Membru għall-iskop li tiġi pprovduta għajnuna umanitarja fis-Sirja, hija meħtieġa awtorizzazzjoni minn qabel mill-NCA biex jinxtara l-fjuwil, skont l-Artikolu 16a(2) tar-Regolament. F'dan il-każ, jekk il-ħlas għall-fjuwil imur għand persuna deżinjata, hija meħtieġa awtorizzazzjoni f'konformità mal-Artikolu 16a(2) tar-Regolament (ara wkoll il-Mistoqsija 18 tal-Mistoqsijiet Frekwenti tas-Sirja). Fil-każ tal-aħħar, meta jikkuntattjaw lill-NCA, l-Operaturi Umanitarji għandhom jispeċifikaw jekk għandhomx bżonn jixtru żejt f'okkazzjonijiet differenti (eż. xiri żgħir minn stazzjonijiet tas-servizzi) jew jekk jipprevedux xiri ta' darba (eż. riforniment ta' trakk qabel ma jtilqu mis-Sirja). Filwaqt li eżenzjonijiet ġenerali mhumiex permessi, l-Artikolu 6a(2) tar-Regolament dwar is-Sirja jippermetti lill-NCAs li jagħtu derogi ġenerali għal operazzjonijiet rikorrenti identiċi.

Ara wkoll il-Mistoqsija 18 dwar applikazzjonijiet konġunti u l-Mistoqsija 19 dwar derogi ġenerali.

Ara wkoll il-Mistoqsijiet Frekwenti tas-Sirja, minn 16 sa 18.

14. Jekk l-importazzjonijiet ta' materjal mediku fis-Sirja b'rabta mal-ġlieda kontra l-COVID-19 huma soġġetti għal taxxi u dazji fuq l-importazzjoni, l-Operaturi Umanitarji jistgħu jħallsu dawk lill-Gvern Sirjan?

Iva, jekk dan ikun l-unika mod kif tiġi pprovduta għajnuna umanitarja lill-popolazzjoni ċivili fis-Sirja fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19.

Jekk il-pagament għandu jsir lil, jew indirettament se jibbenefika, lil persuna nominata, li f'dan il-każ huwa probabbli ħafna, tista' tkun meħtieġa deroga mill-NCA. Ara wkoll il-Mistoqsija 2.

15. L-Operaturi Umanitarji jistgħu jevakwaw lin-nies affettwati mill-pandemija tal-COVID-19 għal postijiet oħra fis-Sirja jew barra mill-pajjiż?

Iva.

Jekk l-azzjoni tinvolvi, pereżempju, xiri ta' fjuwil jew li tagħmel fondi disponibbli lil persuna deżinjata⁵⁶, tista' tkun meħtieġa deroga. Ara l-Mistoqsija 13.

⁵⁶ Bħala eżempju, ara l-entrata 50, il-Parti B, l-Anness II (is-Syrian Arab Airlines).

Innota li huwa possibbli l-akkwist ta' fjuwil tal-ġettijiet għal trasportaturi tal-ajru Sirjani deżinjati għall-fini tal-evakwazzjoni tal-popolazzjoni affettwata mill-pandemija f'konformità mal-Artikolu 7a.5(b) tar-Regolament dwar is-Sirja.

16. L-Operaturi Umanitarji jistgħu jiffinanzjaw jew jieħdu sehem fil-kostruzzjoni ta' sptarijiet improvviżati, operazzjonijiet ta' sanità jew infrastrutturi temporanji għall-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19?

Iva. Ara l-Mistoqsija 1.

Fil-każ speċifiku fejn persuna deżinjata tkun involuta fil-kostruzzjoni u/jew tiset benefiċċju ekonomiku minnha, ara l-Mistoqsija 2. Bħala eżempju, dan jista' jkun il-każ jekk il-persuna deżinjata titlob ħlas għall-aċċess għall-infrastruttura temporanja, jew jekk hija żżomm is-sjeda ta' din tal-aħħar wara t-tmiem tal-kriżi kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19.

17. L-Operaturi Umanitarji jistgħu jipprovdu għajnuna umanitarja jekk l-uniku mod ikun li tingħata għajnuna permezz ta' persuni magħżula?

L-Operaturi Umanitarji għandhom jagħmlu użu mill-eċċezzjonijiet eżistenti skont ir-Regolament dwar is-Sirja. Madankollu, skont id-Dritt Umanitarja Internazzjonali, fejn ma hemm l-ebda għażla oħra disponibbli, il-provvista ta' għajnuna umanitarja ma għandhiex tiġi evitata mill-miżuri restrittivi tal-UE. Dan, madankollu, mhuwiex probabbli li jkun il-każ minħabba li s-Sanzjonijiet tas-Sirja jipprovdu derogi sostanzjali li jipprovdu għal attivitajiet umanitarji u jekk il-linji gwida attwali jiġu segwiti b'mod strett.

IV. KWISTJONIJET PROĊEDURALI

18. L-applikazzjonijiet konġunti huma aċċettabbli, pereżempju, applikazzjoni waħda minn diversi Operaturi Umanitarji, jew applikazzjoni waħda għal diversi NCAs fl-istess ħin?

Għal raġunijiet ta' effiċjenza, jekk proġett umanitarju għall-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19 jeħtieġ diversi applikazzjonijiet għal derogi li għandhom jiġu **sottomessi, kemm għal NCA wieħed jew aktar**, għandu jkun possibbli li tiġi ppreżentata applikazzjoni unika lill-NCAs rilevanti kollha.

Bl-istess mod, jekk proġett umanitarju jkun jeħtieġ **diversi Operaturi Umanitarji li japplikaw** għal derogi, għandu jkun possibbli li titressaq applikazzjoni konġunta. Id-donaturi, il-banek, l-Organizzazzjonijiet Internazzjonali u l-NGOs involuti fi proġett umanitarju għandhom jikkooperaw biex jiskambjaw informazzjoni sabiex jiġbru l-evidenza meħtieġa mill-NCAs biex jagħtu l-awtorizzazzjoni.

Fiċ-ċirkostanzi eċċezzjonali attwali, **l-NCAs huma mistiedna jistabbilixxu punt ta' kuntatt għal derogi umanitarji relatati mal-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19**. Minħabba l-urġenza tas-sitwazzjoni, l-NCAs għandhom jikkooperaw biex jiżguraw li jipprovdu tweġibiet f'waqthom u konsistenti għal talbiet bħal dawn. Il-Kummissjoni tinsab lesta biex tappoġġa lill-NCAs fl-isforzi tagħhom.

19. Tista' NCA tagħti awtorizzazzjonijiet ġenerali, jew l-Operaturi Umanitarji għandhom japplikaw għal awtorizzazzjoni għal kull attività?

L-NCAs jistgħu jagħtu derogi taħt kwalunkwe sanzjoni tal-UE għal numru limitat ta' raġunijiet, li l-NCA teħtieġ li tivverifika f'kull każ partikolari.

Ir-Regolament dwar is-Sirja jippermetti b'mod espliċitu lill-NCAs li jagħtu awtorizzazzjonijiet ġenerali (“*skont il-kundizzjonijiet ġenerali u speċifiċi li jqisu xierqa*”) f'żewġ każijiet: biex isiru disponibbli ċerti fondi jew riżorsi għal persuni deżinjati fir-rigward ta' attivitajiet umanitarji skont l-Artikolu 16a(2) u għax-xiri ta' prodotti petrolifiċi fis-Sirja għall-istess attivitajiet, skont l-Artikolu 6a(2).

Huwa f'idejn l-NCA relevanti li tiddeċiedi jekk, fil-każ ta' attivitajiet/tranżazzjonijiet rikorrenti identiċi li l-kundizzjonijiet tagħhom huma magħrufa minn qabel, huma jixtiequ jagħtu awtorizzazzjoni unika li tkopri kollha kemm huma, jew jippreferu jawtorizzaw l-attivitajiet/it-tranżazzjonijiet wieħed wieħed. Il-Kummissjoni tteġġeg lill-NCAs biex jikkunsidraw jekk, fiċ-ċirkostanzi eċċezzjonali attwali, awtorizzazzjoni unika tistax tiffaċilita l-provvista ta' għajjnuna umanitarja lill-persuni affettwati mill-pandemija tal-COVID-19. Fil-ħruġ ta' awtorizzazzjoni, l-NCAs jistgħu jiddeċiedu li jimponu kundizzjonijiet biex jiżguraw li l-eċċezzjonijiet ma jfixklux jew ma jevitawx l-oġettiv tas-sanzjonijiet.

20. L-Operaturi Umanitarji kif jistgħu jiżguraw li mhumiex qed jagħmlu disponibbli fondi jew riżorsi ekonomiċi lil individwi, entitajiet jew korpi deżinjati meta jipprovdu għajjnuna għall-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19?

L-Annessi II u IIA tar-Regolament dwar is-Sirja jinkludu l-listi ta' individwi, entitajiet u korpi deżinjati taħt il-miżuri restrittivi tal-UE. Dawn il-listi huma riflessi wkoll fil-Mappa ta' Sanzjonijiet tal-UE⁵⁷ u fil-Bażi ta' *Data* tas-Sanzjonijiet Finanzjarji⁵⁸, li t-tnejn huma liberament aċċessibbli għall-Operaturi Umanitarji. Dawn il-listi huma aġġornati regolarment.

L-Operaturi Umanitarji għandu jkollhom diġà fis-seħħ il-proċeduri meħtieġa biex iwettqu l-kontrolli meħtieġa biex jiżguraw li s-sħab involuti fl-għoti ta' għajjnuna umanitarja mhumiex deżinjati taħt miżuri restrittivi tal-UE. Fil-kuntest tal-għoti ta' għajjnuna għall-ġlieda kontra t-tixrid tal-COVID-19 fis-Sirja, għandha tingħata attenzjoni mill-qrib lill-persuni, l-entitajiet u l-korpi deżinjati marbutin mas-settur tal-kura tas-saħħa, kemm pubbliku kif ukoll privat, kif ukoll is-settur tal-loġistika. L-Operaturi Umanitarji għandhom jiżguraw ukoll li l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi, inkluż it-tagħmir mediku, ma jiġux iddevjati minn persuni deżinjati. Dan jinvolvi l-adozzjoni tal-prekawzzjonijiet u l-verifiki meħtieġa biex jiġi żgurat li l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi ma jinqabdux minn dawn il-persuni (eż. membri maħtura tal-forzi armati tas-Sirja).

L-Operaturi Umanitarji, speċjalment dawk li huma l-eqreb għall-imsieħba u s-sottokuntratturi esterni, għandhom jiġbru kemm jista' jkun informazzjoni raġonevoli u għandhom jagħmlu lill-imsieħba tagħhom konxji, preferibbilment kuntrattwalment, li l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi ma jridux ikunu disponibbli għall-persuni deżinjati jew

⁵⁷ <https://www.sanctionsmap.eu/>.

⁵⁸ <https://webgate.ec.europa.eu/fsd/fsf>.

għall-benefiċċju tagħhom. L-użu tal-Hawala u ta' tipi oħra informali ta' trasferiment ta' flus ukoll huma fl-ambitu ta' dan l-obbligu.

Skont l-Artikolu 28 tar-Regolament dwar is-Sirja, il-ksur ta' miżuri restrittivi tal-UE ma jagħti lok għall-ebda responsabbiltà jekk il-vjolatur ma kienx jaf, u ma kellu ebda raġuni valida li jissuspetta, li l-azzjonijiet tiegħu jiksru l-projbizzjonijiet disponibbli. F'dan ir-rigward, il-miżuri restrittivi tal-UE ma għandhomx iwasslu għal konformità żejda. B'mod partikolari, ma għandhomx jiġu interpretati li jeħtieġu li l-Operaturi Umanitarji jwettqu sforzi mhux realistiki biex jiġbru l-evidenza jew jagħtu prova negattiva.

Jekk persuna deżinjata tintervjeni fi tranżazzjoni umanitarja, dan ma jfissirx awtomatikament li t-tranżazzjoni trid tiġi abbandunata. Ir-Regolament dwar is-Sirja fih għadd ta' eċċezzjonijiet importanti li jippermettu li dawn t-tranżazzjonijiet jgħaddu, soġġett, f'ċerti każijiet, għall-approvazzjoni minn qabel tal-NCA. Ara wkoll it-Taqsima I, u b'mod partikolari l-Mistoqsijiet 2, 4 u 5, u l-Mistoqsija 25.

F'każ ta' dubju, l-Operaturi Umanitarji għandhom jikkuntattjaw lill-NCA rilevanti biex jivverifikaw jekk il-proċeduri ta' diliġenza dovuta tagħhom humiex aċċettabbli. L-NCAs għandhom jipprovdu gwida f'waqtha u ċara għall-Operaturi Umanitarji f'dak ir-rigward.

21. L-Operaturi Umanitarji kif jistgħu jitolbu deroga biex iwettqu azzjoni/tranżazzjoni ristretta, jekk l-iskop ikun li tingħata għajnuna lil persuni affettwati mill-pandemija tal-COVID-19?

Tista' tintalab deroga minn kwalunkwe Operatur Umanitarju involut fil-katina tal-provvista umanitarja. Normalment, is-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni jkunu fl-aħjar pożizzjoni biex jiġbru l-informazzjoni meħtieġa. L-operaturi l-oħra kollha, inklużi d-donaturi u l-banek, għandhom jikkooperaw mal-applikant biex jiffaċilitaw il-għbir ta' informazzjoni.

L-Operaturi Umanitarji jridu jindirizzaw l-NCA li magħha għandhom l-eqreb rabta, kif indikat fl-Anness III tar-Regolament dwar is-Sirja. Huma għandhom ifittxu gwida mill-NCA biex jidentifikaw id-dokumenti meħtieġa biex jinkisbu d-derogi rilevanti.

Ara wkoll il-Mistoqsija 18 dwar applikazzjonijiet konġunti.

22. Kif jistgħu jiksbu derogi mħaffa mill-Operaturi Umanitarji, jekk is-sitwazzjoni fuq il-post tkun teħtieġ hekk?

L-Operaturi Umanitarji li qed ifittxu deroga urġenti għandhom jindikaw b'mod ċar l-urġenza u jispjegaw ir-raġunijiet sottostanti fl-applikazzjoni tagħhom. Aktar ma applikazzjoni tkun kompluta, aktar l-NCA tkun tista' tipproċessaha faċilment u b'mod rapidu. Dikjarazzjonijiet ta' appoġġ mid-donaturi, ittri ta' konfort minn awtoritajiet oħra u dokumenti simili jistgħu wkoll jiġu mehmuża mas-sottomissjoni biex tiġi ffaċilitata r-reviżjoni tal-applikazzjoni mill-NCA. L-Operaturi Umanitarji jridu jiksbu l-awtorizzazzjoni rilevanti qabel jibdew il-proġett umanitarju għall-għieda kontra l-pandemija tal-COVID-19.

Sabiex jitħaffef il-proċess, l-Operaturi Umanitarji għandhom jikkollaboraw ma' u jfittxu l-gwida mill-NCA anki qabel tkun ippreżentata applikazzjoni.

Gwida konsistenti fl-UE kollha hija ta' importanza kbira biex jiġi żgurat li l-Operaturi Umanitarji fl-UE jkunu jistgħu jagħmlu xogħolhom. Il-Kummissjoni tinsab lesta biex

tappoġġa lill-NCAs fl-isforzi tagħhom, u biex toħloq pjattaforma unika għall-pubblikazzjoni tal-gwida maħruġa mill-NCA.

23. L-Operaturi Umanitarji huma meħtieġa jikkonformaw ma' Sanzjonijiet tal-UE fir-rigward it-Terroriżmu Internazzjonali u l-Armi Kimiċi meta jagħtu għajna għall-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19 fis-Sirja?

Iva.

Sanzjonijiet tal-UE rigward it-Terroriżmu Internazzjonali u Armi Kimiċi għandhom fil-mira ċerti persuni li jistgħu joperaw fis-Sirja. Jekk ikunu involuti fi tranżazzjoni, japplikaw ir-restrizzjonijiet speċifiċi fis-Sanzjonijiet kontra t-Terroriżmu tal-UE u l-Armamenti Kimiċi tal-UE. F'każ bħal dan hija meħtieġa gwida speċifika ulterjuri mill-NCA rilevanti.

24. X'inhom d-differenza bejn eżenzjonijiet u derogi (definiti flimkien bħala "eżenzjonijiet")?

Eżenzjonijiet ifissru li restrizzjoni ma tapplikax meta l-għan tal-azzjoni huwa li tipprovdi għajna umanitarja. L-Operaturi Umanitarji jistgħu jwettqu l-azzjoni attwali mingħajr dewmien. Madankollu għandhom ikunu kapaċi juru li l-azzjoni saret għal skop umanitarju speċifiku.

Derogi jfissru li tista' titwettaq azzjoni ristretta (ipprojbata) biss wara li l-NCA tkun tat awtorizzazzjoni, sakemm l-iskop ikun li tiġi pprovduta għajna umanitarja⁵⁹.

25. L-Operaturi Umanitarji għandhom jeżaminaw il-benefiċjarji finali tal-għajna umanitarja?

Le. Skont id-Dritt Umanitarju Internazzjonali, l-Artikolu 214(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-prinċipji umanitarji tal-umanità, l-imparzjalità, l-indipendenza u n-newtralità, l-għajna umanitarja trid tiġi pprovduta mingħajr diskriminazzjoni. L-identifikazzjoni bħala individwu fil-bżonn trid issir mill-Operaturi Umanitarji fuq il-bażi ta' dawn il-prinċipji. Ladarba tkun saret din l-identifikazzjoni, ma jkun meħtieġ l-ebda skrutinju tal-benefiċjarji finali.

⁵⁹ L-eżenzjonijiet huma ġeneralment ifformulati skont il-linji li ġejjin: "*(Il-projbizzjoni stipulata fi) Artikolu... ma għandhiex tapplika għal...*". Id-derogi huma ġeneralment ifformulati skont il-linji li ġejjin: "*B'deroga mill-(projbizzjonijiet fi) Artikolu..., l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw, taħt il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa...*".

IL-VENEZWELA

REFERENZI LEGALI U GWIDA

- Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/2063 tat-13 ta' Novembru 2017 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela⁶⁰ (“ir-Regolament dwar il-Venezwela”).

Is-sanzjonijiet tal-UE fir-rigward tal-Venezwela stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/2063 ġew imposti b'rispons għad-deterjorament kontinwa tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem fil-Venezwela. L-oġettiv tal-miżuri restrittivi tal-UE huwa li jitravwem proċess kredibbli u sinifikanti li jista' jwassal għal soluzzjoni paċifika negozjata. Dawn jistgħu jitreġġgħu lura skont l-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni fil-pajjiż, b'mod partikolari ż-żamma ta' negozjati kredibbli u sinifikanti li jwasslu għal kundizzjonijiet leġislattivi u elettorali inklużivi, ġusti u kredibbli, ir-rispett għall-istituzzjonijiet demokratiċi u l-liberazzjoni tal-priġunieri politiċi kollha.

Is-sanzjonijiet stabbiliti fir-Regolament dwar il-Venezwela jinkludu, fost l-oħrajn, embargo fuq tagħmir li jista' jintuża għal repressjoni interna, iffriżar tal-assi, projbizzjoni li kwalunkwe fond jew ass isiru direttament jew indirettament disponibbli lil, jew għall-benefiċċju ta' dawk li huma responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u li jdgħajfu d-demokrazija u l-istat ta' dritt fil-Venezwela kif ukoll lil persuni assoċjati magħhom. Fid-dawl tas-sitwazzjoni gravi kontinwa fil-Venezwela, attwalment hemm 36 persuna deżinjati skont ir-Regolament dwar il-Venezwela⁶¹.

Is-sanzjonijiet stabbiliti fir-Regolament dwar il-Venezwela ma jikkonċernawx il-mediċina, it-tagħmir mediku u l-għajnuna medika pprovduti lill-popolazzjoni ġenerali. Bħala tali, it-tagħmir mediku, inkluż l-ossiġenu, ir-respiraturi, it-tagħmir protettiv personali (PPE) u l-ventilaturi kif ukoll il-mediċini u oġġetti mediċi oħra li huma meħtieġa għall-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19 mhumiex soġġetti għal restrizzjonijiet diretti fuq l-esportazzjoni, il-provvista, il-finanzjament jew l-użu fil-Venezwela (Ara t-Taqsima II). Barra minn hekk, il-miżuri restrittivi stabbiliti fir-Regolament dwar il-Venezwela huma ffokati, għandhom oġettivi ċari u għandhom fil-mira persuni speċifiċi li huma primarjament marbuta mal-forzi armati, is-servizzi ta' sigurtà u l-gvern jew is-sistema ġudizzjarja. Huwa improbabbli li l-miżuri restrittivi tal-UE jistgħu jinterferixxu mal-għajnuna umanitarja għall-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19 fil-Venezwela.

Madankollu, f'każijiet speċifiċi u limitati ħafna, l-esportazzjoni, il-provvista jew il-finanzjament ta' oġġetti meħtieġa mill-Operaturi Umanitarji jistgħu jiġu affettwati indirettament mill-iffriżar ta' fondi jew ta' riżorsi ekonomiċi ta' ċerti persuni, entitajiet u korpi soġġetti għas-sanzjonijiet tal-UE (“persuni deżinjati”) li jistgħu jkunu involuti fit-tranżazzjonijiet rilevanti.

Bħala regola ġenerali, **is-sanzjonijiet tal-UE fir-rigward tal-Venezwela ma jippermettux li l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi jsiru disponibbli għall-persuni deżinjati, għalkemm jeżistu għadd ta' derogi (Ara t-Taqsima I). Skont id-Dritt**

⁶⁰ ĠU L 295 14.11.2017, p. 21-37.

⁶¹ Ara l-Annessi IV u V tar-Regolament dwar il-Venezwela.

Umanitarju Internazzjonali, fejn ma hemm l-ebda għażla oħra disponibbli, il-provvista ta' għajjnuna umanitarja ma għandhiex tiġi evitata mis-sanzjonijiet tal-UE. Dan il-prinċipju madankollu x'aktarx ma jkunx jista' jiġi applikat f'dan il-każ minħabba n-natura mmirata tal-miżuri restrittivi fir-Regolament dwar il-Venezwela kif ukoll it-tip u l-għadd limitat ta' deżinjazzjonijiet.

Attivitajiet anċillari meħtieġa biex jappoġġaw il-provvista ta' apparati mediċi (eż. it-trasport ta' apparati mediċi, il-kambju tal-munita u l-ħażna) huma wkoll permessi. Filwaqt li l-possibbiltà li daww l-azzjonijiet jaqgħu fl-ambitu ta' restrizzjonijiet speċifiċi hija remota, l-Operaturi Umanitarji għandhom jivverifikawhom bir-reqqa ma' din in-Nota qabel ma jitwettqu u, jekk meħtieġ, ifittxu gwida mill-NCA rilevanti.

I. PROJBIZZJONI TA' DISPONIBBILTÀ TA' FONDI U RIŻORSI EKONOMIĊI LIL PERSUNI DEZINJATI⁶²

1. L-Operaturi Umanitarji huma permessi jikkollaboraw ma' persuni deżinjati jekk din hija meħtieġa sabiex jipprovdu għajjnuna umanitarja lill-popolazzjoni ċivili fil-Venezwela fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19?

Iva. L-Operaturi Umanitarji jistgħu jikkollaboraw ma' persuni deżinjati, jekk din hija meħtieġa biex tiġi organizzata l-provvista ta' għajjnuna umanitarja b'mod sigur u effiċjenti.

Għalhekk, jekk persuna deżinjata tintervjeni fi tranżazzjoni umanitarja, dan ma jfissirx awtomatikament li t-tranżazzjoni trid tiġi abbandunata. Sakemm l-ebda fond jew riżorsa ekonomika ma jsiru disponibbli għal persuna deżinjata, ir-Regolament dwar il-Venezwela ma jipprojbixx il-kollaborazzjoni ma' din tal-ewwel.

2. L-Operaturi Umanitarji kif jistgħu jiżguraw li mhumiex qed jagħmlu disponibbli fondi jew riżorsi ekonomiċi lil persuni, entitajiet jew korpi deżinjati meta jipprovdu għajjnuna għall-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19?

L-Operaturi Umanitarji għandu jkollhom fis-seħħ il-proċeduri meħtieġa biex iwettqu l-kontrolli meħtieġa biex jiżguraw li s-sħab involuti fl-għoti ta' għajjnuna umanitarja mhumiex deżinjati taħt is-sanzjonijiet tal-UE. Fil-kuntest tal-għoti ta' għajjnuna għall-ġlieda kontra t-tixrid tal-COVID-19 fil-Venezwela, għandha tingħata attenzjoni mill-qrib b'mod partikolari lill-persuni deżinjati f'pożizzjonijiet kritiċi marbuta mal-forzi armati (Gwardja Nazzjonali Bolivarjana u Armata Nazzjonali Bolivarjana) kif ukoll membri tal-Gvern tal-Venezwela li joperaw fis-settur ekonomiku jew industrijali li jistgħu jkunu involuti f'operazzjonijiet umanitarji. L-Operaturi Umanitarji għandhom jiżguraw ukoll li l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi, inkluż it-tagħmir mediku, ma jiġux iddevjati minn persuni deżinjati. Dan jinvolvi l-adozzjoni tal-prekawżjonijiet u l-verifiki meħtieġa biex jiġi żgurat li l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi ma jinqabdux minn dawn il-persuni, u li l-materjal mediku pprovdut jiġi użat għall-iskopijiet umanitarji maħsuba għalih.

⁶² L-Annessi IV u V tar-Regolament dwar il-Venezwela fih l-listi ta' individwi, entitajiet u korpi deżinjati taħt is-sanzjonijiet tal-UE. Dawn il-listi huma riflessi wkoll fil-Mappa tas-Sanzjonijiet tal-UE (<https://www.sanctionsmap.eu>) u fil-Bażi ta' *Data* tas-Sanzjonijiet Finanzjarji (<https://webgate.ec.europa.eu/fsd/fsf>), li t-tnejn huma aċċessibbli liberament għal Operaturi Umanitarji. Dawn il-listi huma aġġornati regolarment. Is-sors uffiċjali tad-dritt tal-UE huwa l-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, li jipprevali f'każ ta' kunflitt.

L-Operaturi Umanitarji, speċjalment dawk li huma l-eqreb għall-imsieħba u sottokuntratturi esterni, għandhom jiġbru kemm jista' jkun informazzjoni raġonevoli u għandhom jagħmlu lill-imsieħba tagħhom konxji, preferibbilment kuntrattwalment, li l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi ma jridux ikunu disponibbli għall-persuni deżinjati jew għall-benefiċċju tagħhom.

Skont l-Artikolu 13(2) tar-Regolament dwar il-Venezwela, azzjonijiet mill-Operaturi Umanitarji li jiksru il-miżuri restrittivi stabbiliti f'dan ir-Regolament ma jagħti lok għall-ebda responsabbiltà jekk il-persuni ma kinux jafu, u ma kellhom ebda raġuni valida li jissuspettaw, li l-azzjonijiet tagħhom jiksru l-projbizzjonijiet disponibbli. F'dan ir-rigward, is-sanzjonijiet tal-UE ma għandhomx iwasslu għal konformità żejda. B'mod partikolari, ma għandhomx jiġu interpretati li jeħtieġu li l-Operaturi Umanitarji jwettqu sforzi mhux realistiċi biex jiġbru l-evidenza jew jagħtu prova negattiva.

L-Operaturi Umanitarji huma meħtieġa li jipprovdu għajnuna umanitarja permezz ta' azzjonijiet persuni li mhumiex ristretti mir-Regolament dwar il-Venezwela. Skont id-Dritt Umanitarju Internazzjonali, fejn ma hemm l-ebda għażla oħra disponibbli, il-provvista ta' għajnuna umanitarja ma għandhiex tiġi evitata mis-sanzjonijiet tal-UE (ara wkoll il-Mistoqsija 12). Madankollu, dan hu improbabbli f'dan il-każ minħabba n-natura mmirata tad-deżinjazzjonijiet skont ir-Regolamenti dwar il-Venezwela.

F'każ ta' dubju, l-Operaturi Umanitarji għandhom jikkuntattjaw lill-NCA rilevanti biex jivverifikaw jekk il-proċeduri tagħhom ma josservawx il-klawżola kontra ċ-ċirkonvenzjoni tar-Regolament dwar il-Venezwela⁶³. L-NCAs għandhom jipprovdu gwida f'waqtha u ċara għall-Operaturi Umanitarji f'dak ir-rigward.

3. Il-mediċina, it-tagħmir mediku, id-diżinfettanti u t-tagħmir protettiv jikkostitwixxu “riżorsi ekonomiċi”?

Iva. Skont id-definizzjoni fir-Regolament dwar il-Venezwela, “riżorsi ekonomiċi” tfisser kwalunkwe tip ta' riżorsi, “*tanġibbli jew intanġibbli, mobbli jew immobbli, li mhumiex fondi, iżda jistgħu jintużaw biex jinkisbu fondi, oġġetti jew servizzi*”⁶⁴. Il-provvista ta' lottijiet ta' mediċini, ta' tagħmir mediku u ta' diżinfettanti lil persuna deżinjata tippermetti lil dik il-persuna, pereżempju, tbigħ l-oġġetti u tikseb fondi bi skambju, u għalhekk, dan jammonta għal riżorsi ekonomiċi disponibbli għal persuna deżinjata jew għall-benefiċċju tagħha. Li r-riżorsi ekonomiċi jsiru disponibbli għal persuna deżinjata, jew għall-benefiċċju tagħha, teħtieġ awtorizzazzjoni minn qabel mill-NCA.

Madankollu, jekk l-oġġetti msemmijin hawn fuq jiġu pprovvuti lil persuna deżinjata għall-użu tagħha stess jew għal protezzjoni, dan ma jwassalx biex ir-riżorsi ekonomiċi jsiru disponibbli għaliha. Barra minn hekk, ir-Regolament dwar il-Venezwela fih derogi li jippermettu lill-NCAs jawtorizzaw li fondi jew riżorsi ekonomiċi jsiru disponibbli jekk dawn ikunu meħtieġa biex jissodisfaw il-ħtiġijiet bażiċi ta' persuni deżinjati u l-membru tal-familja dipendenti tagħhom, inkluż il-pagament għal oġġetti tal-ikel, mediċina u trattament mediku⁶⁵.

⁶³ L-Artikolu 14 tar-Regolament dwar il-Venezwela.

⁶⁴ L-Artikolu 1(d) tar-Regolament dwar il-Venezwela.

⁶⁵ L-Artikolu 9(1)(a) tar-Regolament dwar il-Venezwela.

4. Tista' l-provvista ta' ghajjnuna medika tammonta għal "tqegħid għad-dispożizzjoni ta' riżorsi ekonomiċi" għal persuni deżinjati?

Fil-prinċipju, il-provvista ta' ghajjnuna medika lil persuni infettati minn, jew suspettati li għandhom il-COVID-19, ma titqiesx fiha nnifisha li għandha valur ekonomiku intrinsiku, jew li hija skambjabbli għal fondi jew riżorsi ekonomiċi. Konsegwentement, din ma tammontax għal riżorsa ekonomika, u għalhekk l-involviment ta' persuna deżinjata fil-provvista ta' din l-ghajjnuna medika ma jiksirx ir-Regolament dwar il-Venezwela.

Fil-każ speċifiku li fih persuna deżinjata tkun involuta fil-katina li twassal għall-provvista ta' ghajjnuna medika, ara l-Mistoqsija 1. Fir-rigward tal-iżgurar li l-ebda fond jew riżorsa ekonomika ma jsiru disponibbli għal persuni deżinjati, pereżempju jekk dawn il-persuni jitolbu lill-benefiċjarji jħallsu għas-servizz ipprovdut jew jekk dawn jiksibu kwalunkwe riżorsa ekonomika għall-benefiċċju tagħhom fil-kuntest tal-provvista ta' ghajjnuna medika, ara l-Mistoqsija 2.

5. L-Operaturi Umanitarji jistgħu jipprovdu fondi lil organizzazzjonijiet lokali fil-Venezwela bl-iskop li tiġi miġġielda l-pandemija tal-COVID-19?

Iva.

Fil-każ speċifiku li fih persuna deżinjata tkun involuta fil-katina li twassal għall-provvista ta' ghajjnuna umanitarja, pereżempju f'każ ta' persuni jew entitajiet deżinjati b'kompetenza fil-gvern ta' Venezwela, ara l-Mistoqsija 1. Fir-rigward tal-iżgurar li l-ebda fond jew riżorsa ekonomika ma jsiru disponibbli għal persuni deżinjati, ara wkoll il-Mistoqsija 2.

II. RESTRIZZJONIJIET FUQ L-IMPORTAZZJONIJIET U L-ESPORTAZZJONIJIET⁶⁶

6. Il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' kwalunkwe oġġett u teknoloġija provduti għal skopijiet umanitarji għall-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19 huma permessi mir-Regolament dwar il-Venezwela?

Iva. Is-sanzjonijiet tal-UE stabbiliti fir-Regolament dwar il-Venezwela għandhom fil-mira persuni speċifiċi billi jiffriżaw l-assi tagħhom u jipprojbixxu d-disponibbiltà ta' fondi għalihom. Huma jipprojbixxu wkoll il-bejgħ, il-provvista, it-trasferimenti jew l-esportazzjoni ta' ċertu tagħmir ta' telekomunikazzjoni, teknoloġija u software kif ukoll ta' tagħmir użat għal repressjoni interna⁶⁷. Madankollu, dawn ir-restrizzjonijiet ma jaffettwawx il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment u l-esportazzjoni ta' oġġetti u teknoloġiji marbuta mal-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19. F'dan il-kuntest, "oġġetti u teknoloġiji" jinkludu, fost oħrajn ventilaturi jew respiraturi mekkanizzati għal skopijiet mediċi (nifs assistit) u tagħmir mediku ieħor għall-ġlieda kontra l-COVID-19 kif ukoll kits għall-ittestjar tal-COVID-19 (bħal qRT-PCR KIT għal ħin reali kwantitattiv), mediċini, diżinfettanti, deterġenti jew sustanzi kimiċi.

⁶⁶ L-Annessi I u II tar-Regolament dwar il-Venezwela fih il-listi ta' oġġetti u teknoloġiji koperti mis-sanzjonijiet tal-UE.

⁶⁷ Għal lista dettaljata ta' oġġetti li ma jistgħux jinbiegħu, jkunu provvisti, trasferiti u esportati lejn il-Venezwela, ara l-Anness I u II tar-Regolament dwar il-Venezwela.

Ir-Regolament dwar il-Venezwela jipprojbixxi l-esportazzjoni lejn dak il-pajjiż ta' ċertu tagħmir protettiv personali (PPE) li jista' jintuża għal repressjoni interna, bħal korazza tal-ġisem u elmi. Madankollu, dan speċifikament jeżenta tagħmir maħsub għas-sikurezza tar-rekwiżiti tax-xogħol⁶⁸. Barra minn hekk, din il-projbizzjoni ma għandhiex tapplika għal ilbies protettiv, inklużi ġkieket rinforzati u elmi militari, esportati temporanjament lejn il-Venezwela mill-Operaturi Umanitarji għall-użu personali tagħhom biss⁶⁹. Fil-każ ta' inċertezza, l-Operaturi Umanitarji għandhom ifittxu l-kjarifika meħtieġa mill-manifattur.

Fil-każ speċifiku li fih persuna deżinjata tkun involuta fil-katina li twassal għall-provvista ta' għajjnuna umanitarja, ara l-Mistoqsija 1. Fir-rigward tal-iżgurar li l-ebda fond jew riżorsa ekonomika ma jsiru disponibbli għal persuni deżinjati, ara wkoll il-Mistoqsija 2.

III. MISTOQSIJET OĦRAJN

7. Il-banek tal-UE jistgħu jiftħu kont bankarju ġdid ma' istituzzjoni finanzjarja jew istituzzjoni ta' kreditu tal-Venezwela biex jappoġġaw l-għajjnuna umanitarja fil-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19?

Iva. Attivitajiet bankarji ma' banek tal-Venezwela huma permessi, sakemm l-istituzzjoni finanzjarja tal-Venezwela ma tkunx entità deżinjata. Dan jinkludi l-istabbiliment ta' relazzjonijiet bankarji korrispondenti ġodda u l-istabbiliment ta' impriżi konġunti ġodda. Il-banek huma permessi wkoll li jiftħu uffiċċji, fergħat u sussidjarji fil-Venezwela. Atwalment, l-ebda istituzzjoni finanzjarja tal-Venezwela ma hija soġġetta għal miżuri restrittivi.

8. Ċittadini tal-UE jistgħu jivvjaġġaw lejn il-Venezwela biex jipprovdu għajjnuna medika għall-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19?

Iva. Fil-prinċipju, xejn fir-Regolament dwar il-Venezwela ma jipprojbixxi li wieħed jivvjaġġa lejn il-Venezwela, u lanqas li jipprovdi għajjnuna medika fil-pajjiż.

Fil-każ speċifiku li fih persuna deżinjata tkun involuta fil-katina li twassal għall-provvista ta' għajjnuna umanitarja, ara l-Mistoqsija 1. Fir-rigward tal-iżgurar li l-ebda fond jew riżorsa ekonomika ma jsiru disponibbli għal persuni deżinjati, ara wkoll il-Mistoqsija 2.

9. L-Operaturi Umanitarji jistgħu jixtru fjuwil, jikru vetturi jew jużaw servizzi ta' trasport privat fil-Venezwela għat-trasport, lejn il-Venezwela jew ġewwa l-pajjiż, ta' tagħmir mediku għall-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19?

Iva. Xejn fir-Regolament dwar il-Venezwela ma jipprevjeni l-Operaturi Umanitarji milli jixtru l-fjuwil fil-Venezwela.

Fil-każ speċifiku li fih persuna deżinjata tkun involuta fil-katina li twassal għall-provvista ta' għajjnuna umanitarja, ara l-Mistoqsija 1. Fir-rigward tal-iżgurar li l-ebda fond jew riżorsa ekonomika ma jsiru disponibbli għal persuni deżinjati, ara wkoll il-Mistoqsija 2.

⁶⁸ Ara l-punt 5 fl-Anness I tar-Regolament dwar il-Venezwela.

⁶⁹ L-Artikolu 5 tar-Regolament dwar il-Venezwela.

10. L-Operaturi Umanitarji jistgħu jgħinu jirrilokaw lin-nies affettwati mill-pandemija tal-COVID-19 għal postijiet oħra fil-Venezwela jew barra mill-pajjiż?

Iva.

Fil-każ speċifiku li fih persuna deżinjata tkun involuta fil-katina li twassal għar-rilokazzjoni tan-nies affettwati mill-COVID-19, ara l-Mistoqsija 1. Fir-rigward tal-iżgurar li l-ebda fond jew riżorsa ekonomika ma jsiru disponibbli għal persuni deżinjati fil-proċess li jwassal għar-rilokazzjoni tan-nies affettwati mill-COVID-19, ara wkoll il-Mistoqsija 2.

11. L-Operaturi Umanitarji jistgħu jiffinanzjaw jew jieħdu sehem fil-kostruzzjoni ta' sptarjiet improvviżati, operazzjonijiet ta' sanità jew infrastrutturi temporanji għall-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19?

Iva.

Fil-każ speċifiku fejn persuna deżinjata tkun involuta fil-kostruzzjoni u/jew tislet benefiċċju ekonomiku minnha, ara l-Mistoqsija 1. Bħala eżempju, dan jista' jkun il-każ jekk il-persuna deżinjata titlob ħlas għall-aċċess għall-infrastruttura temporanja, jew jekk hija żżomm is-sjeda ta' din tal-aħħar wara t-tmiem tal-kriżi kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19.

12. L-Operaturi Umanitarji jistgħu jipprovdu għajjnuna umanitarja jekk l-uniku mod ikun li tingħata għajjnuna permezz ta' persuni deżinjati?

L-Operaturi Umanitarji jridu dejjem ifittxu soluzzjonijiet li ma jiksrux is-sanzjonijiet tal-UE. Għaldaqstant, l-Operaturi Umanitarji huma meħtieġa li jipprovdu għajjnuna umanitarja permezz ta' azzjonijiet u persuni li mhumiex ristretti mir-Regolament dwar il-Venezwela. Skont id-Dritt Umanitarju Internazzjonali, fejn ma hemm l-ebda għażla oħra disponibbli, il-provvista ta' għajjnuna umanitarja ma għandhiex tiġi evitata mis-sanzjonijiet tal-UE. Madankollu dan x'aktarx mhuwiex il-każ għal dan ir-reġim ta' sanzjonijiet minħabba n-natura mmirata tal-miżuri restrittivi fir-Regolament dwar il-Venezwela kif ukoll it-tip u l-għadd limitat ta' deżinjazzjonijiet.

13. L-Operaturi Umanitarji għandhom jiskrutinjaw il-benefiċjarji finali tal-għajjnuna umanitarja?

Le. Skont id-Dritt Umanitarju Internazzjonali, l-Artikolu 214(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-prinċipji umanitarji tal-umanità, l-imparzjalità, l-indipendenza u n-newtralità, l-għajjnuna umanitarja trid tiġi pprovduta mingħajr diskriminazzjoni. L-identifikazzjoni bħala individwu fil-bżonn trid issir mill-Operaturi Umanitarji fuq il-bażi ta' dawn il-prinċipji. Ladarba tkun saret din l-identifikazzjoni, ma jkun meħtieġ l-ebda skrutinju tal-benefiċjarji finali.

IV. LEĠIŻLAZZJONI OĦRA

14. Is-sanzjonijiet tal-Istati Uniti kontra l-Venezwela jipprojbixxu għadd ta' azzjonijiet li fil-prinċipju huma permessi mill-UE. L-Operaturi Umanitarji li huma soġġetti għall-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru għandhom ikunu konformi ma' dawn is-sanzjonijiet barranin?

Le. L-Operaturi Umanitarji li huma soġġetti għall-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru ma għandhomx ikunu konformi ma' reġimi ta' sanzjonijiet awtonomi minn pajjiżi terzi.

VERA KOPJA TAL-ORIĠINAL
Għas-Segretarju Ġenerali

Martine DEPREZ
Id-Direttur
Teħid tad-Deċiżjonijiet u Kulleġġjalità
KUMMISSJONI EWROPEA